IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.10.2017
COM(2017) 476 final

ANNEX 1

NOTE
This language version reflects the corrections done to the original EN version transmitted under COM(2017) 476 final of 13.9.2017 and retransmitted (with corrections) under COM(2017) 476 final/2 of 4.10.2017

# ANNESS

***tal-***

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI EWROPEA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**Nagħmlu l-aħjar użu min-NIS – lejn l-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva (UE) 2016/1148 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni**

MT

# WERREJ


ANNESS ........ 4

1. Introduzzjoni ........ 4

2. Strateġija nazzjonali dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni ........ 5

2.1. L-ambitu tal-istrateġija nazzjonali ........ 5

2.2. Il-kontenut u l-proċedura għall-adozzjoni tal-istrateġiji nazzjonali ........ 6

2.3. Il-proċess u l-kwistjonijiet li jridu jiġu indirizzati ........ 6

2.4. Il-passi konkreti li jridu jagħmlu l-Istati Membri qabel l-iskadenza għat-traspożizzjoni ........ 9

3. Id-Direttiva NIS: l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-punti uniċi ta' kuntatt u l-Iskwadri tar-Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters (is-CSIRTs) ........ 10

3.1. It-tip ta' awtoritajiet ........ 11

3.2. Il-pubbliċità u aspetti rilevanti oħrajn ........ 12

3.3. Id-Direttiva NIS, l-Artikolu 9: l-Iskwadri tar-Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters (is-CSIRTs) ........ 17

3.4. Il-kompiti u r-rekwiżiti ........ 17

3.5. Assistenza fl-iżvilupp tas-CSIRTs ........ 18

3.6. Ir-rwol tal-punt uniku ta' kuntatt ........ 19

3.7. Il-penali ........ 20

4. L-entitajiet b'obbligi relatati mar-rekwiżiti tas-sigurtà u n-notifika tal-inċidenti ........ 20

4.1. L-operaturi tas-servizzi essenzjali (l-OES) ........ 20

4.1.1. It-tip ta' entitajiet elenkati fl-Anness II tad-Direttiva NIS ........ 21

4.1.2. L-identifikazzjoni tal-operaturi tas-servizzi essenzjali ........ 23

4.1.3. L-inklużjoni ta' setturi addizzjonali ........ 23

4.1.4. Il-ġurisdizzjoni. ........ 25

4.1.5. L-informazzjoni li trid tintbagħat lill-Kummissjoni ........ 25

4.1.6. Kif irid isir il-proċess tal-identifikazzjoni? ........ 26

4.1.7. Il-proċess ta' konsultazzjoni transfruntiera ........ 31

4.2. Ir-rekwiziti tas-sigurtà ........ 31

4.3. Ir-rekwiżiti tan-notifika ........ 32

4.4. Id-Direttiva NIS, l-Anness III: il-Fornituri tas-Servizzi Diġitali ........ 32

4.4.1. Il-kategoriji tal-fornituri tas-servizzi diġitali ........ 33

4.4.2. Ir-rekwiżiti tas-sigurtà ........ 35

4.4.3. Ir-rekwiżiti tan-notifika ........ 36

4.4.4. Approċċ regolatorju bbażat fuq ir-riskji ........ 36

4.4.5. Il-ġurisdizzjoni ..... 37

4.4.6. Eżenzjoni lill-fornituri tas-servizzi diġitali bi Skala Limitatata mill-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti tas-sigurtà u tan-notifika ..... 37

5. Ir-relazzjoni bejn id-Direttiva NIS u leġiżlazzjoni oħra ..... 37

5.1. Id-Direttiva NIS, l-Artikolu 1(7): Id-dispożizzjoni ta' *lex specialis* ..... 37

5.2. Id-Direttiva NIS, l-Artikolu 1(3): il-fornituri tat-telekomunikazzjoni u l-fornituri tas-servizzi fiduċjarji ..... 41

6. Dokumenti ppubblikati ta' Strateġiji Nazzjonali dwar iċ-Ċibersigurtà ..... 43

7. Lista ta' prattiki tajba u rakkomandazzjonijiet mill-ENISA ..... 46

**ANNESS**

# 1. Introduzzjoni

Dan l-Anness għandu l-għan li jikkontribwixxi għal applikazzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tad-Direttiva (UE) 2016/1148 dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni[1] (minn hawn 'il quddiem imsejħa "id-Direttiva NIS" jew "id-Direttiva") u li jgħin lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-liġi tal-UE tiġi applikata b'mod effettiv. B'mod aktar partikolari, l-għanijiet speċifiċi tiegħu huma tlieta: (a) li joffri aktar ċarezza lill-awtoritajiet nazzjonali fejn jidħlu l-obbligi stipulati fid-Direttiva li japplikaw għal dawn l-awtoritajiet, (b) li jiżgura infurzar effettiv tal-obbligi tad-Direttiva li japplikaw għall-entitajiet obbligati mir-rekwiżiti tas-sigurtà u min-notifiki tal-inċidenti, u (c) li jgħin b'mod ġenerali biex tinħoloq ċertezza legali fost l-atturi rilevanti kollha.

Għal dan il-għan, dan l-Anness jipprovdi gwida fuq dawn l-aspetti li ġejjin, ilkoll kruċjali biex jintlaħaq l-għan tad-Direttiva NIS, jiġifieri li jkun żgurat livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni fl-UE, li fuqu jissejjes il-funzjonament tas-soċjetà u l-ekonomija tagħna:

- L-obbligu tal-Istati Membri li jadottaw strateġija nazzjonali dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni (it-Taqsima 2);
- Jitwaqqfu awtoritajiet nazzjonali kompetenti, punti uniċi ta' kuntatt u Skwadri tar-Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters (it-Taqsima 3);
- Ir-rekwiżiti tas-sigurtà u n-notifiki tal-inċidenti applikabbli għall-operaturi tas-servizzi essenzjali u għall-fornituri tas-servizzi diġitali (it-Taqsima 4); u
- Ir-relazzjoni bejn id-Direttiva NIS u leġiżlazzjoni oħra (it-Taqsima 5).

Biex tħejji din il-gwida, il-Kummissjoni użat il-kontribut u l-analiżi miġbura waqt it-tħejjija tad-Direttiva, il-kontribut tal-Aġenzija tal-UE għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni ("l-ENISA") u l-Grupp ta' Koperazzjoni. Użat ukoll l-esperjenzi ta' Stati Membri partikolari. Meta kien xieraq, il-Kummissjoni qieset il-prinċipji gwida għall-interpretazzjoni tad-dritt tal-UE: il-kliem, il-kuntest u l-għanijiet tad-Direttiva NIS. Id-Direttiva ma ġietx trasposta u għalhekk għadha ma nqatgħet l-ebda sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ-UE) jew tal-qrati nazzjonali. Għaldaqstant il-ġurisprudenza ma setgħetx tintuża bħala gwida.

Jekk din l-informazzjoni tinġabar f'dokument wieħed, l-Istati Membri jkun jista' jkollhom stampa ġenerali tajba tad-Direttiva u jkunu jistgħu jqisu din l-informazzjoni waqt it-tfassil tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni tisħaq li dan l-Anness mhux

[1] Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni. Id-Direttiva daħlet fis-seħħ fit-8 ta' Awwissu 2016.

vinkolanti u mhix beħsiebha toħloq regoli ġodda. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha l-kompetenza finali biex tinterpreta d-dritt tal-UE.

## 2. Strateġija nazzjonali dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni

Skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva NIS, l-Istati Membri jeħtieġ jadottaw strateġija nazzjonali dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni li tkun tista' titqies ekwivalenti għat-terminu "Strateġija Nazzjonali dwar iċ-Ċibersigurtà (NCSS)". Strateġija nazzjonali jkollha l-funzjoni li tiddefinixxi l-għanijiet strateġiċi u l-azzjonijiet regolatorji u ta' politika xierqa relatati maċ-ċibersigurtà. Il-kunċett ta' NCSS jintuża b'mod wiesa' fil-livell internazzjonali u fl-Ewropa, l-aktar fil-kuntest tal-ħidma tal-ENISA mal-Istati Membri dwar l-istrateġiji nazzjonali li dan wasslet għal aġġornament fil-Gwida ta' Prattika Tajba għall-NCSS[2].

F'din it-taqsima, il-Kummissjoni tispeċifika kif id-Direttiva NIS isaħħaħ l-istat ta' tħejjija tal-Istati Membri billi teżiġi li jdaħħlu fis-seħħ strateġiji nazzjonali sodi dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni (l-Artikolu 7). Din it-taqsima tindirizza dawn l-aspetti: (a) l-ambitu tal-istrateġija, u (b) il-kontenut u l-proċedura għall-adozzjoni.

Kif deskritt aktar hawn taħt, it-traspożizzjoni korretta tal-Artikolu 7 tad-Direttiva NIS hi fundamentali biex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva u teħtieġ l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji u umani adegwati għal dan il-għan.

### 2.1. L-ambitu tal-istrateġija nazzjonali

Skont il-formulazzjoni tal-Artikolu 7, l-obbligu li jadottaw NCSS tapplika biss għas-setturi msemmija fl-Anness II (jiġifieri għall-enerġija, it-trasport, is-servizzi bankarji u s-suq finanzjarju, is-saħħa, il-provvista u d-distribuzzjoni tal-ilma tax-xorb u l-infrastruttura diġitali) u għas-servizzi msemmija fl-Anness III (is-suq online, il-magna tat-tiftix online u l-cloud computing).

L-Artikolu 3 tad-Direttiva jistabbilixxi b'mod speċifiku l-prinċipju ta' armonizzazzjoni minima, li skontu l-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet bil-għan li jiksbu livell ogħla ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni. Bl-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju għall-obbligu li jadottaw NCSS, l-Istati Membri jkunu jistgħu jinkludu aktar setturi u servizzi minn dawk koperti fl-Anness II u III tad-Direttiva.

Skont il-Kummissjoni u fid-dawl tal-għan tad-Direttiva NIS, jiġifieri li jinkiseb livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni fl-Unjoni[3], ikun għaqli li tinħoloq strateġija nazzjonali li tkopri d-dimensjonijiet rilevanti kollha tas-soċjetà u tal-

[2] ENISA, *National Cyber-Security Strategy Good Practice* 2016). Dan id-dokument jinsab fuq https://www.enisa.europa.eu/publications/ncss-good-practice-guide
[3] Ara l-Artikolu 1(1).

ekonomija, u mhux biss is-setturi u s-servizzi diġitali li jkopru rispettivament l-Anness II u III tad-Direttiva NIS. Dan hu konformi mal-aqwa prattiki internazzjonali (ara l-Gwida tal-ITU u l-analiżi tal-OECD imsemmija aktar 'il quddiem) u mad-Direttiva NIS.

Kif inhu spjegat aktar 'il quddiem, b'mod partikolari dan hu l-każ għall-amministrazzjonijiet pubbliċi responsabbli mis-setturi u mis-servizzi msemmija fl-Annessi II u III tad-Direttiva. L-amministrazzjonijiet pubbliċi jistgħu jipproċessaw informazzjoni sensittiva li tkun tiġġustifika l-ħtieġa li tkun koperta minn NCSS u pjanijiet ta' ġestjoni li jevitaw l-iżvelar u li jiżguraw il-protezzjoni xierqa ta' din l-informazzjoni.

## 2.2. Il-kontenut u l-proċedura għall-adozzjoni tal-istrateġiji nazzjonali

Skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva NIS, NCSS jeħtieġ tinkludi mill-anqas dan li ġej:

i) l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-istrateġija nazzjonali dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni;

ii) qafas ta' governanza biex jintlaħqu l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-istrateġija nazzjonali;

iii) tidentifika l-miżuri relatati mal-istat ta' t-tħejjija, ir-rispons u l-irkupru, inkluż il-koperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat;

iv) tindika programmi rilevanti tal-edukazzjoni, is-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ;

v) tindika pjanijiet tar-riċerka u l-iżvilupp;

vi) pjan ta' valutazzjoni tar-riskju biex jiġu identifikati r-riskji; u

vii) lista tal-atturi involuti fl-implimentazzjoni tal-istrateġija.

La l-Artikolu 7 u lanqas il-premessa 29 korrispondenti ma jispeċifikaw ir-rekwiżiti għall-adozzjoni ta' NCSS jew jipprovdu aktar granularità fuq il-kontenut tal-NCSS. Sa fejn jikkonċerna l-proċess u l-elementi addizzjonali relatati mal-kontenut tal-NCSS, il-Kummissjoni jidhrilha li l-approċċ stabbilit hawn taħt jixraq għall-adozzjoni tal-NCSS. Dan hu bbażat fuq analiżi tal-esperjenzi ta' xi Stati Membri u pajjiżi terzi relatata ma' kif l-Istati Membri żviluppaw l-istrateġiji tagħhom stess. Riżors informattiv ieħor hu l-għodda tat-taħriġ tal-ENISA dwar l-NCSS fil-forma ta' filmati u midja li tista' tniżżel mill-website tagħha[4].

## 2.3. Il-proċess u l-kwistjonijiet li jridu jiġu indirizzati

Il-proċess tal-abbozzar u l-adozzjoni sussegwenti ta' strateġija nazzjonali huma kumplessi u multidimensjonali, u għalhekk jeħtieġu impenn sostnut mal-esperti fiċ-ċibersigurtà, is-soċjetà ċivili u l-proċess politiku nazzjonali, jekk dan irid ikun effettiv u effikaċi. *Sine qua non* hu appoġġ amministrattiv ta' livell għoli mill-inqas fil-livell ta' Segretarju tal-Istat jew f'livell

[4] https://www.enisa.europa.eu/topics/national-cyber-security-strategies/national-cyber-security-strategies-training-tool

ekwivalenti fil-Ministeru, kif ukoll sponsorship. Biex tirnexxi l-adozzjoni ta' NCSS, jista' jintuża dan il-proċess ta' ħames passi li ġej (ara l-Grafika 1):

L-ewwel pass − **Noħolqu prinċipji gwida u l-għanijiet strateġiċi li joħorġu mill-istrateġija**

Qabelxejn, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jenħtieġ jiddefinixxu xi elementi ewlenin li jridu jiddaħħlu fl-NCSS, notevolment x'inhuma r-riżultati mixtieqa, bil-lingwaġġ tad-Direttiva (l-Artikolu 7(1)(a) *objettivi u prijoritajiet*), kif dawn ir-riżultati jikkumplimentaw il-politiki ekonomiċi u soċjali nazzjonali u jekk humiex kompatibbli mal-privileġġi u l-obbligi li għandhom l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. L-għanijiet jenħtieġ ikunu speċifiċi, jistgħu jitkejlu u jinkisbu, realistiċi u marbutin mal-ħin (SMART). Ngħidu aħna: "*We will ensure that this [time bound] strategy is founded upon a rigorous and comprehensive set of metrics against which we measure progress towards the outcomes we need to achieve*"[5] (Aħna se niżguraw li din l-istrateġija [marbuta mal-ħin] tissejjes fuq metriċi rigorużi u komprensivi li bihom jitkejjel il-progress lejn ir-riżultati li rridu niksbu).

Dan il-pass jinkludi wkoll valutazzjoni politika dwar jekk jistax jinkiseb baġit sinifikanti bħala riżorsa għall-implimentazzjoni tal-istrateġija. Jinvolvi wkoll deskrizzjoni tal-ambitu maħsub tal-istrateġija u d-diversi kategoriji tal-partijiet konċernati mis-settur pubbliku u dak privat li jenħtieġ ikunu involuti fit-tfassil tal-bosta għanijiet u miżuri.

Dan l-ewwel pass jista' jinkiseb bi gruppi ta' ħidma ma' politiċi u uffiċjali ministerjali ta' livell għoli mmexxija minn speċjalisti fiċ-ċibernetika b'ħiliet komunikattivi professjonali li jistgħu jenfasizzaw fuq l-implikazzjonijiet fuq l-ekonomija u s-soċjetà diġitali moderni jekk iċ-ċibersigurtà tkun nieqsa jew dgħajfa.

It-tieni pass − **Noħolqu l-kontenut tal-istrateġija**

L-istrateġija jenħtieġ tinkludi miżuri abilitanti, azzjonijiet ibbażati fuq il-ħin u indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni li jwasslu għal evalwazzjoni, irfinar u titjib wara perjodu definit ta' implimentazzjoni. Dawn il-miżuri jenħtieġ iwieżnu l-għan, il-prijoritajiet u r-riżultati stabbiliti bħala prinċipji gwida. Il-ħtieġa li jintużaw miżuri abilitanti hi stabbilita fl-Artikolu 7(1)(c) tad-Direttiva NIS.

Hu rakkomandat li jitwaqqaf grupp ta' tmexxija mmexxi mill-Ministeru partikolari biex jimmaniġġa l-proċess tal-abbozzar u jiffaċilita l-kontribut. Dan jista' jinkiseb b'għadd ta' gruppi tal-abbozzar ta' uffiċjali u esperti rilevanti skont it-temi ġeneriċi ewlenin, bħal pereżempju dwar il-valutazzjoni tar-riskju, l-ippjanar ta' kontinġenza, il-ġestjoni tal-inċidenti, l-iżvilupp tal-ħiliet, is-sensibilizzazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp industrijali u l-bqija. Min-naħa l-oħra, anki s-setturi (bħall-enerġija, it-trasport, eċċ) jkunu mistiedna jivvalutaw l-implikazzjonijiet tal-inklużjoni tagħhom, fosthom ir-riżorsi, u jkunu involuti l-operaturi tas-servizzi essenzjali u l-fornituri tas-servizzi diġitali ewlenin li ġew nominati ħalli jitfasslu l-prijoritajiet u jitressqu proposti għall-proċess tal-abbozzar. Hu importanti ferm li l-partijiet

[5] Silta mill-Istrateġija Nazzjonali tar-Renju Unit dwar iċ-Ċibersigurtà, 2016-2021, il-paġna 67.

konċernati settorjali jkunu involuti għax hemm bżonn li tkun żgurata implimentazzjoni armonizzata tad-Direttiva bejn is-setturi differenti, u fl-istess ħin ikun hemm lok għal speċifiċità settorjali.

It-tielet pass – **Noħolqu qafas ta' governanza**

Biex il-qafas ta' governanza jkun effiċjenti u effettiv, dan għandu jissejjes fuq il-partijiet konċernati ewlenin, il-prijoritajiet identifikati fil-proċess tat-tfassil u fuq il-limiti u l-kuntest tal-istrutturi politiċi u amministrattivi nazzjonali. Idealment dan jirrapporta direttament lil-livell politiku permezz tal-qafas li jkollu l-kapaċità jieħu d-deċiżjonijiet u jalloka r-riżorsi, u li jkollu wkoll kontribut mingħand esperti fiċ-ċibersigurtà u partijiet konċernati mill-industrija. L-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva NIS jirreferi għall-qafas ta' governanza u jeżiġi speċifikament "*ir-responsabbiltajiet tal-korpi governattivi u l-atturi rilevanti l-oħrajn*".

Ir-raba' pass – **Nikkumpilaw u nirrevedu l-abbozz tal-istrateġija**

F'dan l-istadju, l-abbozz tal-istrateġija jenħtieġ jingħalaq u jiġi analizzat skont il-preġji, id-dgħjufijiet, l-opportunitajiet u t-theddid (SWOT), biex jingħaraf jekk il-kontenut għandux bżonn xi reviżjoni. Wara r-reviżjoni interna, jenħtieġ issir konsultazzjoni mal-partijiet konċernati. Hu essenzjali wkoll li ssir konsultazzjoni pubblika biex il-pubbliku jifhem l-importanza tal-istrateġija proposta, jinkiseb rispons mingħand l-għejun kollha possibbli u jinstab appoġġ għar-riżorsi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-istrateġija.

Il-ħames pass – **L-adozzjoni formali**

Dan il-pass finali jinvolvi l-adozzjoni formali fil-livell politiku b'baġit abilitanti li jixhed is-serjetà li għandu l-Istat Membru konċernat fejn tidħol iċ-ċibersigurtà. Biex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva NIS u, meta d-dokument tal-istrateġija nazzjonali jintbagħat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7(3), il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jipprovdu informazzjoni dwar il-baġit. L-impenji dwar il-baġit u r-riżorsi umani meħtieġa huma assolutament kruċjali għall-implimentazzjoni effettiva tal-istrateġija u tad-Direttiva. Iċ-ċibersigurtà għadha qasam ta' politika pubblika pjuttost ġdid u li qed jikber malajr, għalhekk f'ħafna mill-każijiet hemm bżonn isiru investimenti ġodda, anke jekk is-sitwazzjoni ġenerali tal-finanzi pubbliċi titlob tnaqqis u ffrankar.

Konsulenza dwar il-proċess u l-kontenut tal-istrateġiji nazzjonali tista' tinkiseb minn bosta sorsi pubbliċi u akkademiċi, ngħidu aħna l-ENISA[6], l-ITU[7], l-OECD[8], il-Forum Globali dwar l-Għarfien Espert Ċibernetiku u l-Università ta' Oxford[9].

---

[6] ENISA, *National Cyber-Security Strategy Good Practice* 2016). Dan id-dokument jinsab fuq https://www.enisa.europa.eu/publications/ncss-good-practice-guide

[7] ITU, *National Cybersecurity Strategy Guide* (2011). Dan id-dokument jinsab fuq http://www.itu.int/ITU-D/cyb/cybersecurity/docs/ITUNationalCybersecurityStrategyGuide.pdf
Fl-2017, l-ITU se toħroġ ukoll Għodod għall-Istrateġija Nazzjonali dwar iċ-Ċibersigurtà (ara l-preżentazzjoni

## 2.4. Il-passi konkreti li jridu jagħmlu l-Istati Membri qabel l-iskadenza għat-traspożizzjoni

Qabel l-adozzjoni tad-Direttiva, kważi kull Stat Membru[10] ppubblika d-dokumenti indikati bħala NCSS. It-Taqsima 6 ta' dan l-Anness telenka l-istrateġiji li bħalissa hemm fis-seħħ f'kull Stat Membru[11]. Ħafna drabi, dawn jinkludu prinċipji strateġiċi, linji gwida, għanijiet, u xi drabi miżuri speċifiċi għal ċertu każijiet li jtaffu r-riskji assoċjati maċ-ċibersigurtà.

Uħud minn dawn l-istrateġiji ġew adottati qabel l-adozzjoni tad-Direttiva NIS u għalhekk mhux bilfors jinkludu l-elementi kollha tal-Artikolu 7. Biex jiżguraw it-traspożizzjoni korretta, l-Istati Membri se jkollhom jagħmlu analiżi tad-diskrepanzi billi jqabblu l-kontenut tal-NCSS tagħhom mas-seba' rekwiżiti distinti msemmija fl-Artikolu 7 skont l-ambitu tas-setturi mniżżla fl-Anness II tad-Direttiva u tas-servizzi mniżżla fl-Anness III tagħha. Id-diskrepanzi identifikati jistgħu jingħelbu b'reviżjoni tal-NCSS eżistenti tagħhom jew b'reviżjoni sħiħa mill-bidu nett tal-prinċipji tal-istrateġija nazzjonali tan-NIS tagħhom. Il-linji gwida mogħtija hawn fuq għall-proċess tal-adozzjoni tal-NCSS huma rilevanti wkoll għar-reviżjoni u l-aġġornament tal-NCSS eżistenti.

fuq http://www.itu.int/en/ITU-D/Cybersecurity/Documents/National%20Strategy%20Toolkit%20introduction.pdf)

[8] OECD, *Cybersecurity Policy Making at a Turning Point: Analysing a New Generation of National Cybersecurity Strategies* (2012). Dan id-dokument jinsab fuq http://www.oecd.org/sti/ieconomy/cybersecurity%20policy%20making.pdf

[9] Iċ-Ċentru Globali tal-Kapaċità fiċ-Ċibersigurtà u l-Università ta' Oxford, Global Cyber *Cybersecurity Capacity Maturity Model for Nations (CMM) − edizzjoni riveduta* (2016). Dan id-dokument jinsab fuq https://www.thegfce.com/binaries/gfce/documents/publications/2017/02/13/cybersecurity-cmm-for-nations/CMM+revised+edition.pdf

[10] Minbarra l-Greċja li ilha mill-2014 tħejji strateġija nazzjonali dwar iċ-ċibersigurtà (ara https://www.enisa.europa.eu/topics/national-cyber-security-strategies/ncss-map/strategies/national-cyber-security-strategy-greece/view)

[11] Din l-informazzjoni hi bbażata fuq il-ħarsa ġenerali lejn l-NCSS li provdiet l-ENISA fuq https://www.enisa.europa.eu/topics/national-cyber-security-strategies/ncss-map

**Il-Grafika 1: Il-proċess ta' ħames passi għall-adozzjoni ta' NCSS**




## 3. Id-Direttiva NIS: l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-punti uniċi ta' kuntatt u l-Iskwadri tar-Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters (is-CSIRTs)

Skont l-Artikolu 8(1), l-Istati Membri jeħtieġ jinnominaw awtorità nazzjonali kompetenti waħda jew aktar, li tal-anqas ikopru s-setturi msemmija fl-Anness tad-Direttiva II u s-servizzi msemmija fl-Anness III tagħha, bil-kompitu li jissorveljaw l-applikazzjoni tad-Direttiva. L-Istati Membri jistgħu jagħtu dan ir-rwol lil awtorità jew awtoritajiet eżistenti.

Din it-taqsima tiffoka fuq kif id-Direttiva NIS isaħħaħ l-istat ta' tħejjija tal-Istati Membri billi teżiġi li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-Iskwadri tar-Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters (is-CSIRTs) ikunu effettivi. B'mod aktar preċiż, din it-taqsima tkopri l-obbligu li jinħatru awtoritajiet nazzjonali kompetenti, inkluż bir-rwol ta' punt uniku ta' kuntatt. Din tiddiskuti tliet temi: (a) l-istrutturi nazzjonali ta' governanza possibbli (eż. mudelli ċentralizzati, deċentralizzati, eċċ) u rekwiżiti oħrajn; (b) ir-rwol tal-punti uniċi ta' kuntatt u (c) l-Iskwadri tar-Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters (is-CSIRTs).

### 3.1. It-tip ta' awtoritajiet

L-Artikolu 8 tad-Direttiva NIS jeżiġi li l-Istati Membri jaħtru awtoritajiet nazzjonali kompetenti dwar is-sigurtà tan-netwerks u s-sistemi tal-informazzjoni, filwaqt li espressament jagħraf il-possibbiltà li jaħtru "*awtorità nazzjonali kompetenti waħda jew aktar*". Il-premessa 30 tad-Direttiva tispjega din l-għażla ta' politika: "*Fid-dawl tad-differenzi fl-istrutturi nazzjonali ta' governanza u sabiex jiġu salvagwardjati arranġamenti settorjali jew korpi superviżorji u regolatorji tal-Unjoni diġà eżistenti u biex jiġi evitat xogħol doppju, l-Istati Membri jenħtieġ ikunu jistgħu jaħtru aktar minn awtorità nazzjonali kompetenti waħda responsabbli għat-twettiq tal-kompiti marbuta mas-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni ta' operaturi tas-servizzi essenzjali u fornituri tas-servizzi diġitali skont din id-Direttiva.*"

Għaldaqstant, l-Istati Membri huma liberi biex jagħżlu li jaħtru awtorità ċentrali waħda li tittratta s-setturi u s-servizzi kollha koperti mid-Direttiva jew diversi awtoritajiet, pereżempju skont t-tip ta' settur.

Meta jkunu qed jiddeċiedu dwar l-approċċ, l-Istati Membri jistgħu jibbażaw fuq l-esperjenza mill-approċċi nazzjonali użati fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika (is-CIIP). Kif inhu deskritt fit-Tabella 1, fil-każ tas-CIIP, l-Istati Membri ddeċidew li jadottaw approċċ ċentralizzat jew approċċ deċentralizzat biex jassenjaw il-kompetenzi fil-livell nazzjonali. Hawnhekk qed jintużaw xi eżempji nazzjonali għal finijiet illustrattivi biss u biex l-Istati Membri jkunu konxji mill-oqfsa organizzazzjonali eżistenti Għaldaqstant il-Kummissjoni mhix timplika li l-mudell użat mill-pajjiżi rispettivi għas-CIIP għandu bilfors jintuża għall-finijiet tat-traspożizzjoni tad-Direttiva NIS.

L-Istati Membri jistgħu jagħżlu wkoll diversi arranġamenti ibridi li jinvolvu elementi ta' approċċi ċentralizzati u deċentralizzati. L-għażliet jistgħu jsiru b'mod allinjat ma' arranġamenti nazzjonali ta' governanza li tħaddmu qabel fid-diversi setturi u servizzi koperti minn din id-Direttiva, jew li jkun għadhom kif ġew determinati mill-awtoritajiet konċernati u mill-partijiet konċernati rilevanti identifikati bħala operaturi tas-servizzi essenzjali u fornituri tas-servizzi diġitali. Anki l-eżistenza ta' kompetenzi speċjalizzati fiċ-ċibersigurtà, il-kunsiderazzjonijiet tar-riżorsi, ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet konċernati u l-interessi nazzjonali (bħal pereżempju l-iżvilupp ekonomiku, is-sigurtà pubblika u l-bqija) jistgħu jkunu fatturi importanti li jwasslu għall-għażliet tal-Istati Membri.

### 3.2. Il-pubbliċità u aspetti rilevanti oħrajn

Skont l-Artikolu 8(7), l-Istati Membri jenħtieġ jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar in-nomina tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-kompiti tagħhom. Dan għandu jsir sal-iskadenza tat-traspożizzjoni.

L-Artikoli 15 u 17 tad-Direttiva NIS jeżiġu li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat u l-mezzi speċifiċi biex iwettqu l-kompiti stabbiliti f'dawk l-Artikoli.

Minbarra dan, in-nomina ta' entitajiet speċifiċi bħala awtoritajiet nazzjonali kompetenti jeħtieġ isir pubblika. Id-Direttiva ma tispeċifikax kif din il-pubbliċità trid issir. Peress li dan ir-rekwiżit għandu l-għan li jilħaq livell għoli ta' sensibilizzazzjoni fost l-atturi koperti bl-NIS u l-pubbliku ġenerali, u minħabba l-esperjenzi miksuba f'setturi oħrajn (bħat-telekomunikazzjoni, is-servizzi bankarji, u l-mediċini), il-Kummissjoni jidhrilha li dan jsir, pereżempju, b'portal promoss kif xieraq.

L-Artikolu 8(5) tad-Direttiva NIS jeżiġi li dawn l-awtoritajiet ikollhom ir-riżorsi adegwati biex iwettqu l-kompiti assenjati lilhom mid-Direttiva.

**It-Tabella 1: Approċċi nazzjonali għall-protezzjoni tal-infrastruttura kritika (is-CIIP)**

Fl-2016, l-ENISA ppubblikat studju[12] dwar l-approċċi differenti li jħaddmu l-Istati Membri biex jipproteġu l-infrastrutturi kritiċi tagħhom tal-informazzjoni. Hemm żewġ profili deskritti dwar il-governanza tas-CIIP fl-Istati Membri li jistgħu jintużaw fil-kuntest tat-traspożizzjoni tad-Direttiva NIS.

**Il-Profil 1: Approċċ deċentralizzat – bosta awtoritajiet settorjali huma kompetenti fis-setturi u s-servizzi speċifiċi li jissemmew fl-Anness II u III tad-Direttiva**

L-approċċ deċentralizzat hu kkaratterizzat minn:

(i) Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

(ii) Koperazzjoni b'saħħitha bejn l-aġenziji pubbliċi

(iii)Leġiżlazzjoni speċifika għas-setturi

*Il-prinċipju tas-sussidjarjetà*

Flok jistabbilixxi jew jinnomina aġenzija waħda b'responsabbiltà ġenerali, l-approċċ deċentralizzat jimxi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. B'hekk ir-responsabilità għall-implimentazzjoni tkun f'idejn awtorità settorjali li tkun tifhem aħjar is-settur lokali u li diġà jkollha relazzjoni mal-partijiet konċernati. Skont dan il-prinċipju, id-deċiżjonijiet jeħduhom dawk li jkunu l-eqreb ta' dawk li qed jintlaqtu.

*Koperazzjoni b'saħħitha bejn l-aġenziji pubbliċi*

Fis-CIIP hemm involuti varjetà ta' aġenziji pubbliċi u għalhekk ħafna Stati Membri żviluppaw skemi ta' koperazzjoni biex jikkoordinaw il-ħidma u l-isforzi tal-awtoritajiet differenti. Dawn l-iskemi ta' koperazzjoni jistgħu jieħdu l-għamla ta' netwerks informali jew ta' fora jew arranġamenti aktar istituzzjonalizzati. Madankollu, dawn l-iskemi ta' koperazzjoni jaqdu biss l-għan tal-iskambju ta' informazzjoni u l-koordinazzjoni bejn id-diversi aġenziji pubbliċi, u ma teżisti l-ebda awtorità fuqhom.

*Leġiżlazzjoni speċifika għas-setturi*

Il-pajjiżi li jħaddmu approċċ deċentralizzat għas-setturi kritiċi ħafna drabi joqogħdu lura milli jilleġiżlaw għall-fini tas-CIIP. Minflok l-adozzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tibqa' speċifika għas-setturi u għalhekk tista' tvarja ħafna bejn is-setturi. Dan l-approċċ għandu l-vantaġġ li jallinja l-miżuri relatati mal-NIS mar-regolamenti settorjali eżistenti biex titjieb l-aċċettazzjoni mis-settur u tiżdied l-effikaċja tal-infurzar mill-awtorità konċernata.

[12] ENISA, *Stocktaking, Analysis and Recommendations on the protection of CIIs* (2016). Dan id-dokument jinsab fuq https://www.enisa.europa.eu/publications/stocktaking-analysis-and-recommendations-on-the-protection-of-ciis

B'approċċ deċentralizzat purista hemm riskju sostantiv li tonqos il-konsistenza fl-applikazzjoni tad-Direttiva fost il-bosta setturi u servizzi. F'dan il-każ, id-Direttiva tipprovdi għal punt uniku nazzjonali ta' kuntatt għal kollegament fejn jidħlu l-kwistjonijiet transfruntieri; u dan il-korp jista' jingħata l-kompitu mill-Istat Membru konċernat biex jikkoordina internament u jikkopera bejn id-diversi awtoritajiet nazzjonali kompetenti, skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva.

**Il-Grafika 2 – approċċ deċentralizzat**




*Xi eżempji ta' approċċi deċentralizzati*

L-Iżvezja hi eżempju tajjeb ta' pajjiż li jħaddem approċċ deċentralizzat għas-CIIP. Dan il-pajjiż juża l-hekk imsejħa "perspettiva ta' sistema", jiġifieri li l-kompiti ewlenin tas-CIIP, bħall-identifikazzjoni tas-servizzi vitali u l-infrastrutturi kritiċi, il-koordinazzjoni u l-appoġġ tal-operaturi, il-kompiti regolatorji, u l-miżuri ta' tħejjija għal emerġenzi, huma f'idejn aġenziji u muniċipalitajiet differenti. Fost dawn l-aġenziji huma l-Aġenzija Żvediża ta' Kontinġenzi Ċivili (MSB), l-Aġenzija Żvediża tal-Posta u tat-Telekomunikazzjoni (PTS), u d-diversi aġenziji Żvediżi tad-difiża, tal-militar u tal-infurzar tal-liġijiet.

Biex jikkoordina l-azzjonijiet bejn id-diversi aġenziji u entitajiet pubbliċi, il-gvern Żvediż żviluppa netwerk koperattiv magħmul minn awtoritajiet "b'responsabbiltajiet speċifiċi ta' sigurtà tal-informazzjoni soċjetali". Dan il-Grupp ta' Koperazzjoni għas-Sigurtà tal-Informazzjoni (is-SAMFI) jinkludi rappreżentanti tal-awtoritajiet differenti u jiltaqa' diversi drabi matul is-sena biex jiddiskuti kwistjonijiet relatati mas-sigurtà tal-informazzjoni nazzjonali. It-temi tas-SAMFI huma l-aktar f'oqsma politiko-strateġiċi u jkopru suġġetti bħal kwistjonijiet tekniċi u l-istandardizzazzjoni, l-iżvilupp nazzjonali u internazzjonali fil-qasam tas-sigurtà tal-informazzjoni, jew il-ġestjoni u l-prevenzjoni tal-inċidenti tal-IT. (L-Aġenzija Żvediża ta' Kontinġenzi Ċivili (MSB) 2015).

L-Iżvezja għadha ma ppubblikatx liġi ewlenija għas-CIIP li tapplika għall-operaturi tal-infrastruttura kritika tal-informazzjoni (CII) fis-setturi kollha. Minflok, il-leġiżlazzjoni bl-obbligi għall-kumpaniji f'setturi speċifiċi hija f'idejn l-awtoritajiet pubbliċi rispettivi. Ngħidu aħna l-Aġenzija Żvediża ta' Kontinġenzi Ċivili għandha d-dritt toħroġ regolamenti għall-awtoritajiet governattivi fil-qasam tas-sigurtà tal-informazzjoni, filwaqt li l-Aġenzija Żvediża

tal-Posta u tat-Telekomunikazzjoni tista' teżiġi li l-operaturi jimplimentaw ċertu miżuri tekniċi jew organizzattivi tas-sigurtà bbażati fuq leġiżlazzjoni sekondarja.

Eżempju ieħor ta' pajjiż li juri karatteristiċi ta' dan il-profil hu l-Irlanda. L-Irlanda timxi bid-"domma tas-sussidjarjetà" jiġifieri li kull Ministeru hu responsabbli biex jidentifika s-CII u għal valutazzjoni tar-riskju fi ħdan is-settur partikolari tiegħu. Barra minn hekk, ma ddaħħal l-ebda regolament speċifiku għas-CIIP fil-livell nazzjonali. Il-leġiżlazzjoni tibqa' settorjali u teżisti l-aktar fis-settur tal-enerġija u t-telekomunikazzjoni (2015). Xi eżempji oħrajn huma l-Awstrija, Ċipru u l-Finlandja.

**Il-Profil 2: Approċċ ċentralizzat – awtorità ċentrali waħda hi kompetenti għas-setturi u s-servizzi kollha li jissemmew fl-Anness II u III tad-Direttiva**

L-approċċ ċentralizzat hu kkaratterizzat minn:

i) Awtorità ċentrali għas-setturi kollha

ii) Leġiżlazzjoni komprensiva

*Awtorità ċentrali għas-setturi kollha*

L-Istati Membri li jħaddmu approċċ ċentralizzat ħolqu awtoritajiet b'responsabbiltajiet u kompetenzi wesgħin f'diversi setturi kritiċi jew f'kull settur kritiku, jew wessgħu s-setgħat tal-awtoritajiet eżistenti. Dawn l-awtoritajiet ewlenin għas-CIIP jikkombinaw bosta kompiti fosthom l-ippjanar ta' kontinġenza, il-ġestjoni ta' emerġenza, kompiti regolatorji u l-appoġġ lill-operaturi privati. Ħafna drabi, is-CSIRT nazzjonali jew governattiva hi parti ewlenija mill-awtorità tas-CIIP. Aktarx li awtorità ċentrali jkollha konċentrazzjoni akbar ta' għarfien espert fiċ-ċibersigurtà milli jkollhom bosta awtoritajiet settorjali, meta jitqies in-nuqqas globali ta' ħiliet fiċ-ċibersigurtà.

*Leġiżlazzjoni komprensiva*

Leġiżlazzjoni komprensiva toħloq obbligi u rekwiżiti għall-operaturi kollha fis-setturi kollha tas-CII. Dan jista' jinkiseb b'liġijiet komprensivi ġodda jew li jikkumplimentaw ir-regolamenti eżistenti speċifiċi għas-setturi. Dan l-approċċ jiffaċilita applikazzjoni konsistenti tad-Direttiva NIS fost is-setturi u s-servizzi kollha koperti. Dan jevita r-riskju ta' diskrepanzi fl-implimentazzjoni li jaf jinqalgħu meta pajjiż ikollu bosta awtoritajiet b'kompetenzi speċifiċi.

**Il-Grafika 3 – approċċ ċentralizzat**




*Xi eżempji ta' approċċi ċentralizzati*

Franza hi eżempju tajjeb ta' Stat Membru tal-UE li jħaddem approċċ ċentralizzat. Fl-2011, l-aġenzija Franċiża msejħa Agence Nationale de la Sécurité des Systèmes d'Information (ANSSI) ġiet dikjarata bħala l-awtorità nazzjonali ewlenija għad-difiża tas-sistemi tal-informazzjoni. ANSSI taqdi rwol superviżorju b'saħħtu fost l-"operaturi ta' importanza vitali" (l-OIVs): l-aġenzija tista' tordna lill-OIVs biex jikkonformaw mal-miżuri tas-sigurtà u għandha l-awtorità biex twettaq verifiki tas-sigurtà fihom. Minbarra dan, din l-aġenzija hi l-punt uniku ta' kuntatt ewlieni għall-OIVs u dawn obbligati jirrappurtawlha kull inċident tas-sigurtà.

F'każijiet ta' inċidenti tas-sigurtà, l-ANSSI taġixxi bħala aġenzija ta' kontinġenza għas-CIIP u tiddeċiedi dwar miżuri li jridu jieħdu l-operaturi biex jirrispondu għall-kriżi. L-azzjonijiet tal-gvern jiġu kkoordinati fiċ-ċentru ta' operazzjonijiet tal-ANSSI. Id-detezzjoni tat-theddid u r-rispons għall-inċidenti f'livell operazzjonali huma f'idejn is-CERT-FR li hi parti mill-ANSSI.

Franza stabbiliet qafas legali komprensiv għas-CIIP. Fl-2006, il-Prim Ministru ordna li tinħoloq lista ta' setturi ta' infrastruttura kritika. Skont din il-lista bi tnax-il settur vitali, il-gvern iddefinixxa madwar 250 operatur ta' importanza vitali (OIV). Fl-2013 ġiet ippromulgata l-Liġi dwar il-Programmazzjoni Militari (LPM)[13]. Din tistabbilixxi obbligi differenti għall-operaturi ta' importanza vitali, fosthom ir-rappurtar tal-inċidenti jew l-implimentazzjoni ta' miżuri tas-sigurtà. Dawn ir-rekwiżiti huma obbligatorji għal kull operatur ta' importanza vitali fis-setturi kollha (is-Senat Franċiż fl-2013).

[13] La loi de programmation militaire

### 3.3. Id-Direttiva NIS, l-Artikolu 9: l-Iskwadri tar-Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters (is-CSIRTs)

Skont l-Artikolu 9, l-Istati Membri jeħtieġ jinnominaw CSIRT waħda jew diversi li jkunu fdati bil-kompitu tal-ġestjoni tar-riskji u tal-inċidenti għas-setturi mniżżla fl-Anness II tad-Direttiva NIS u għas-servizzi mniżżla fl-Anness III tagħha. Filwaqt li jqisu r-rekwiżit tal-armonizzazzjoni minima minqux fl-Artikolu 3 tad-Direttiva, l-Istati Membri huma liberi biex jużaw is-CSIRTs ukoll għal setturi oħrajn li ma tkoprix id-Direttiva, bħal pereżempju l-amministrazzjoni pubblika.

L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jistabbilixxu CSIRT fi ħdan l-awtorità nazzjonali kompetenti[14].

### 3.4. Il-kompiti u r-rekwiżiti

Fost il-kompiti tas-CSIRTs nominati kif inhu stabbilit fl-Anness I tad-Direttiva NIS hemm:

- Il-monitoraġġ tal-inċidenti fil-livell nazzjonali;
- L-għoti ta' twissija bikrija, allerti, avviżi u t-tixrid ta' informazzjoni dwar ir-riskji u l-inċidenti lill-partijiet konċernati rilevanti;
- Ir-rispons għall-inċidenti;
- It-twettiq ta' analiżi dinamika tar-riskji u tal-inċidenti u għarfien tas-sitwazzjoni; u
- Il-parteċipazzjoni fin-netwerk tas-CSIRTs nazzjonali (in-netwerk tas-CSIRTs) stabbilit skont l-Artikolu 12.

L-Artikoli 14(3), 14(5), 14(6), 16(3), 16(6) u 16(7) jistabbilixxu ċertu kompiti addizzjonali speċifiċi b'rabta man-notifiki tal-inċidenti meta xi Stat Membru jiddeċiedi li dawn ir-rwoli tista' taqdihom dik is-CSIRT flimkien ma' awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew minflokhom.

Fit-traspożizzjoni tad-Direttiva, l-Istati Membri għandu ċertu għażliet dwar ir-rwol tas-CSIRTs b'rabta mar-rekwiżiti tan-notifika tal-inċidenti. Ir-rappurtar obbligatorju jista' jsir direttament lis-CSIRTs bil-vantaġġ ta' effiċjenza amministrattiva, inkella l-Istati Membri jista' jagħżel li jirrapporta direttament lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u s-CSIRTs ikollhom dritt għal aċċess għall-informazzjoni rrappurtata. Fl-aħħar mill-aħħar, is-CSIRTs huma interessati biex isolvu l-problemi, jevitaw, jikxfu, jilqgħu u jtaffu l-impatt tal-inċidenti ċibernetiċi (anki ta' dawk li mhumiex kritiċi għar-rappurtar obbligatorju) flimkien mal-partijiet konċernati tagħhom, bil-konformità regolatorja tkun f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, l-Istati Membri jeħtieġ jiżguraw ukoll li dawn is-CSIRTs ikollhom aċċess għal infrastruttura tal-ICT sigura u reżiljenti.

[14] Ara l-aħħar sentenza tal-Artikolu 9(1).

L-Artikolu 9(4) tad-Direttiva jeżiġi li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-ambitu u l-elementi ewlenin tal-proċess tal-ġestjoni tal-inċidenti tas-CSIRTs nominati.

Ir-rekwiżiti tas-CSIRTs nominati mill-Istati Membri huma previsti fl-Anness I tad-Direttiva NIS. Kull CSIRT trid tiżgura livell għoli ta' disponibbiltà tas-servizzi ta' komunikazzjoni tagħha. Il-binja tagħha u s-sistemi tal-informazzjoni ta' appoġġ għandhom ikunu f'postijiet siguri u jkunu kapaċi jiżguraw il-kontinwità tal-operat. Barra minn hekk, is-CSIRT jenħtieġ tkun tista' tieħu sehem f'netwerks ta' koperazzjoni internazzjonali.

### 3.5. Assistenza fl-iżvilupp tas-CSIRTs

Il-programm tal-Infrastrutturi tas-Servizzi Diġitali taċ-Ċibersigurtà permezz tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (is-CEF) jista' jipprovdi finanzjament sinifikanti tal-UE biex jassisti lis-CSIRTs tal-Istati Membri ħalli jtejbu l-kapaċitajiet tagħhom u biex jikkoperaw bejniethom bil-mekkaniżmu ta' koperazzjoni għall-iskambju tal-informazzjoni. Il-mekkaniżmu ta' koperazzjoni li qed jiżviluppa l-proġett SMART 2015/1089 għandu l-ħsieb jiffaċilita koperazzjoni operazzjonali effettiva u malajr b'mod volontarju bejn is-CSIRTs tal-Istati Membri, l-aktar billi jappoġġa l-kompiti fdati f'idejn in-Netwerk tas-CSIRTs skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva.

Dettalji dwar is-sejħiet rilevanti għal proposti biex jinbnew il-kapaċitajiet tas-CSIRTs tal-Istati Membri jinsabu fil-website tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (l-INEA) tal-Kummissjoni Ewropea[15].

Il-Bord ta' Governanza tal-Infrastrutturi tas-Servizzi Diġitali taċ-Ċibersigurtà permezz tas-CEF jipprovdi struttura informali ta' gwida u assistenza fil-livell ta' politika lis-CSIRTs tal-Istati Membri biex jibnu l-kapaċitajiet, u għall-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' koperazzjoni volontarja.

Is-CSIRT l-ġdida stabbilita jew s-CSIRT nominata biex twettaq il-kompiti tal-Anness I tad-Direttiva NIS tista' tistrieħ fuq il-pariri u l-għarfien espert tal-ENISA biex itejjeb il-prestazzjoni tagħha u twettaq ħidmietha b'mod effiċjenti[16]. F'dan ir-rigward, tajjeb jingħad li dik is-CSIRT tal-Istat Membru tista' tqis bħala referenza xi parti mill-ħidma li tkun għadha kemm wettqet l-ENISA. B'mod partikolari, kif imniżżel fit-Taqsima 7 ta' dan l-Anness, l-aġenzija ħarġet għadd ta' dokumenti u studji li jiddeskrivu l-prattiki tajbin, rakkomandazzjonijiet fil-livell tekniku, li jinkludu valutazzjonijiet tal-livell ta' maturità tas-CSIRTs għal diversi kapaċitajiet u servizzi tas-CSIRTs. Barra minn hekk, il-gwida u l-aqwa

[15] Dan id-dokument jinsab fuq https://ec.europa.eu/inea/en/connecting-europe-facility
[16] Ara tal-Artikolu 9(5) tad-Direttiva NIS.

prattiki tqassmu permezz tan-netwerks tas-CSIRTs, kemm fil-livell dinji (FIRST[17]) u kif ukoll fil-livell Ewropew (Trusted Introducer, TI[18]).

### 3.6. Ir-rwol tal-punt uniku ta' kuntatt

Skont l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva NIS, kull Stat Membru jrid jinnomina punt uniku nazzjonali ta' kuntatt, li jaqdi funzjoni ta' kollegament biex tkun żgurata l-koperazzjoni transfruntiera mal-awtoritajiet rilevanti fi Stati Membri oħra u mal-Grupp ta' Koperazzjoni u fin-netwerk tas-CSIRTs[19] maħluq bid-Direttiva nnifisha. Il-premessa 31 u l-Artikolu 8(4) jispjegaw r-raġunijiet għal dan ir-rekwiżit, jiġifieri biex jeħfiefu l-koperazzjoni u komunikazzjoni transfruntieri. Dan hemm bżonnu l-aktar għax l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jkollhom aktar minn awtorità nazzjonali waħda. B'hekk li jinħoloq punt uniku ta' kuntatt jiffaċilita l-identifikazzjoni u l-koperazzjoni fost awtoritajiet minn Stati Membri differenti.

Aktarx li r-rwol ta' kollegament tal-punt uniku ta' kuntatt ikun jinvolvi l-interazzjoni mas-segretarjati tal-Grupp ta' Koperazzjoni u tan-Netwerk tas-CSIRTs fejn jidħlu l-każijiet meta l-punt uniku nazzjonali ta' kuntatt la jkun CSIRT u lanqas membru tal-Grupp ta' Koperazzjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri jeħtieġ jiżguraw li l-uniku punt ta' kuntatt ikun jaf bin-notifiki li jaslu mingħand l-operaturi tas-servizzi essenzjali u l-forrnituri tas-servizzi diġitali[20].

L-Artikolu 8(3) tad-Direttiva jispeċifika li jekk Stat Membru jadotta approċċ ċentralizzat, jiġifieri jinnomina awtorità kompetenti waħda biss, dik l-awtorità se jkollha taqdi wkoll ir-rwol ta' punt uniku ta' kuntatt. Jekk Stat Membru jagħżel approċċ deċentralizzat, dan jista' jagħżel waħda mill-awtoritajiet kompetenti differenti biex tkun il-punt uniku ta' kuntatt. Irrispettivament mill-mudell istituzzjonali magħżul, kull meta l-awtorità kompetenti, s-CSIRT u l-punt uniku ta' kuntatt ikunu entitajiet differenti, l-Istati Membri obbligati jiżguraw koperazzjoni effettiva bejniethom ħalli jissodisfaw l-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva[21].

Il-punt uniku ta' kuntatt jeħtieġ iressaq rapport sommarju lill-Grupp ta' Koperazzjoni sad-9 ta' Awwissu 2018, u kull sena, dwar in-notifiki li waslu; u dan għandu jinkludi l-għadd ta' notifiki, in-natura tal-inċidenti u l-miżuri li ħadu l-awtoritajiet, fosthom li infurmaw lill-Istati Membri l-oħra affettwati bl-inċident jew l-għoti tal-informazzjoni rilevanti lill-kumpanija notifikatur għall-ġestjoni tal-inċident[22]. Meta titolbu l-awtorità kompetenti jew is-CSIRT, il-punt uniku ta' kuntatt għandu jibgħat in-notifiki tal-operaturi tas-servizzi essenzjali lill-punti uniċi ta' kuntatt tal-Istati Membri l-oħra affettwati bl-inċidenti[23].

[17] Il-Forum tal-Iskwadri tar-Rispons għal Inċidenti u s-Sigurtà (https://www.first.org/)
[18] https://www.trusted-introducer.org/
[19] Netwerk ta' CSIRTs nazzjonali għal koperazzjoni operazzjonali bejn l-Istati Membri skont l-Artikolu 12.
[20] Ara l-Artikolu 10(3)
[21] Ara l-Artikolu 10(1).
[22] Idem
[23] Ara l-Artikolu 14(5).

L-Istati Membri jeħtieġ jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar in-nomina tal-punt uniku ta' kuntatt u dwar il-kompiti tiegħu sal-iskadenza tat-traspożizzjoni. In-nomina tal-punt uniku ta' kuntatt trid issir pubblika, bħalma jsir għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista tal-punti uniċi ta' kuntatt nominati.

### 3.7. Il-penali

L-Artikolu 21 jagħti marġini lill-Istati Membri biex jiddeċiedu dwar it-tip u n-natura tal-penali applikabbli, diment li dawn ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Fi kliem ieħor, fil-prinċipju, l-Istati Membri huma liberi li jiddeċiedu dwar l-ammont massimu tal-penali stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom iżda l-ammont jew il-persentaġġ magħżul jenħtieġ iħalli lok għall-awtoritajiet nazzjonali biex f'kull każ konkret, jimponu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi, filwaqt li jqisu fatturi differenti bħall-gravità u l-frekwenza tal-ksur.

## 4. L-entitajiet b'obbligi relatati mar-rekwiżiti tas-sigurtà u n-notifika tal-inċidenti

L-entitajiet li jaqdu rwol importanti għas-soċjetà u l-ekonomija msemmija fl-Artikoli 4(4) u 4(5) tad-Direttiva bħala operaturi tas-servizzi essenzjali (OES) u fornituri tas-servizz diġitali (DSPs) jeħtiġilhom jieħdu miżuri xierqa tas-sigurtà u jinnotifikaw l-inċidenti serji lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti. Ir-raġuni hi li l-impatti tal-inċidenti tas-sigurtà f'dawn is-servizzi jistgħu jkunu theddida kbira għall-operazzjoni ta' dawn is-servizzi li tista' tikkawża tħarbit kbir fl-attivitajiet ekonomiċi u għas-soċjetà inġenerali, u potenzjalment iddgħajjef il-fiduċja tal-utenti u tagħmel ħsara kbira lill-ekonomija tal-Unjoni[24].

Din it-taqsima tagħti ħarsa ġenerali lejn l-entitajiet inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Annessi II u III tad-Direttiva NIS u telenka l-obbligi tagħhom. L-identifikazzjoni tal-operaturi tas-servizzi essenzjali hi koperta b'mod estensiv, minħabba l-importanza ta' dan il-proċess għall-implimentazzjoni armonizzata tad-Direttiva NIS madwar l-UE. Din tipprovdi wkoll spjegazzjonijiet estensivi għad-definizzjonijiet ta' infrastrutturi diġitali u fornituri tas-servizzi diġitali. Din teżamina wkoll l-inklużjoni possibbli ta' setturi addizzjonali u tissokta tispjega l-approċċ speċifiku fir-rigward tal-fornituri tas-servizz diġitali.

### 4.1. L-operaturi tas-servizzi essenzjali (l-OES)

Id-Direttiva NIS ma tiddefinix b'mod espliċitu liema entitajiet partikolari se jitqiesu bħala operatur tas-servizzi essenzjali fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Minflok, din tipprovdi l-kriterji li l-Istati Membri se jkun jeħtiġilhom japplikaw għall-proċess tal-identifikazzjoni, li fl-aħħar mill-aħħar se jiddetermina liema kumpaniji individwali li jappartjenu għat-tipi ta' entitajiet elenkati fl-Anness II se jitqiesu bħala operaturi tas-servizzi essenzjali, u għalhekk ikunu soġġetti għall-obbligi tad-Direttiva.

[24] Ara l-premessa 2.

### 4.1.1. It-tip ta' entitajiet elenkati fl-Anness II tad-Direttiva NIS

L-Artikolu 4(4) jiddefinixxi l-operaturi tas-servizzi essenzjali bħala entitajiet pubbliċi jew privati tat-tipi elenkati fl-Anness II tad-Direttiva li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 5(2). Fl-Anness II, is-setturi, is-sottosetturi u t-tip ta' entitajiet huma elenkati skont liema Stat Membru jeħtieġ iwettaq il-proċess tal-identifikazzjoni skont l-Artikolu 5(2)[25]. Fost is-setturi hemm dawk tal-enerġija, tat-trasport, tal-infrastrutturi tas-swieq finanzjarji, tas-saħħa, tal-ilma u tal-infrastruttura diġitali.

Għall-biċċa l-kbira tal-entitajiet li jappartjenu għas-"setturi tradizzjonali", il-leġiżlazzjoni tal-UE fiha definizzjonijiet żviluppati sew, li l-Anness II jagħmel referenza għalihom. Iżda dan ma jgħoddx għas-settur tal-infrastruttura diġitali, elenkat fil-punt 7 tal-Anness II, li jinkludi l-Punti ta' Skambju fuq l-Internet, is-Sistemi ta' Ismijiet tad-Dominji, u r-reġistri ta' ismijiet tad-dominji tal-ogħla livell. Sabiex id-definizzjonijiet jiġu ċċarati, dawn l-ispjegazzjonijiet li ġejjin ifissru fid-dettall id-definizzjonijiet meħtieġa.

### 1) Punt ta' Skambju fuq l-Internet (IXP)

It-terminu "Punt ta' Skambju fuq l-Internet" hu ddefinit fl-Artikolu 4(13), iċċarat fid-dettall fil-premessa 18, u jista' jiġi deskritt bħala faċilità ta' netwerk li permezz tagħha jkunu jistgħu jiġu interkonnessi aktar minn żewġ sistemi awtonomi teknikament indipendenti, bil-għan ewlieni li jeħfief l-iskambju tat-traffiku tal-internet. Il-Punt ta' Skambju fuq l-Internet jista' jiġi deskritt ukoll bħala post fiżiku fejn għadd ta' networks jistgħu jagħmlu skambju tat-traffiku tal-internet bejniethom permezz ta' swiċċ. L-għan primarju ta' IXP hu li n-netwerks ikunu jistgħu jiġu interkonnessi direttament, permezz tal-iskambju, aktar milli permezz ta' netwerk wieħed jew aktar ta' xi partijiet terzi. Normalment, il-fornitur tal-IXP ma jkunx responsabbli għar-ridirezzjonar tat-traffiku tal-internet. Id-direzzjonar tat-traffiku jieħdu ħsiebu l-fornituri tan-netwerk. Il-vantaġġi tal-interkonnessjoni diretta huma bosta, iżda r-raġunijiet ewlenin huma l-ispiża, il-latenza u l-banda tal-frekwenzi. Normalment, it-traffiku li jgħaddi minn punt ta' skambju ma jikkawża spiża lil ħadd, filwaqt li t-traffiku lejn fornitur tas-servizz tal-internet (ISP) upstream joħloq spiża. L-interkonnessjoni diretta, li ħafna drabi tkun tinsab fl-istess belt taż-żewġ netwerks, tevita l-bżonn li d-dejta tivvjaġġa distanzi twal bejn netwerk għal ieħor, u b'hekk tonqos il-latenza.

Għandu jiġi nnutat li d-definizzjoni ta' IXP ma tkoprix il-punti fiżiċi fejn issir interkonnessjoni ta' żewġ netwerks fiżiċi biss (jiġifieri l-fornituri tan-netwerks bħal BASE u PROXIMUS). Għaldaqstant, waqt it-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jridu jiddistingwu bejn l-operaturi li qed jiffaċilitaw l-iskambju ta' traffiku aggregat tal-internet bejn diversi operaturi tan-netwerks u dawk li huma operaturi ta' netwerk uniku, li jagħmlu interkonnessjoni fiżika tan-netwerks tagħhom skont ftehim ta' interkonnessjoni. F'dan l-aħħar każ, il-fornituri tan-netwerk mhumiex koperti bid-definizzjoni tal-Artikolu 4(13). Kjarifika dwar din il-kwistjoni tista' tinstab fil-premessa 18 li tiddikjara li l-IXP la jipprovdi aċċess

[25] Aktar informazzjoni dwar il-proċess tal-identifikazzjoni tinsab fit-Taqsima 4.1.6. hawn taħt.

għan-netwerk u lanqas jaġixxi bħala fornitur jew trasportatur ta' tranżitu. L-aħħar kategorija ta' fornituri huma l-impriżi li jipprovdu netwerks u/jew servizzi pubbliċi tal-komunikazzjoni li huma soġġetti għall-obbligi tas-sigurtà u tan-notifika tal-Artikolu 13a u 13b tad-Direttiva 2002/21/KE u għalhekk esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva NIS[26].

**2) Sistema ta' Ismijiet tad-Dominji (DNS)**

It-terminu "Sistema ta' Ismijiet tad-Dominji" hu ddefinit fl-Artikolu 4(14) bħala "*sistema ta' għoti ta' isem distribwita ġerarkikament f'netwerk li jipproċessa domandi għal isem ta' dominju*". B'mod aktar preċiż, is-Sistema ta' Ismijiet tad-Dominji tista' tiġi deskritta bħala sistema ta' għoti ta' ismijiet distribwiti ġerarkikament għall-kompjuters, is-servizzi jew xi riżorsa oħra konnessi mal-internet li tippermetti l-kodifikazzjoni tal-ismijiet tad-dominji f'indirizzi tal-IP (il-protokoll tal-internet). Ir-rwol ewlieni tas-sistema hu li ssarraf l-ismijiet tad-dominji assenjati f'indirizzi tal-IP. Għal dan il-għan, Sistema ta' Ismijiet tad-Dominji tħaddem bażi tad-dejta u tuża servers bl-ismijiet u riżolvatur u biex tkun tista' ssarraf dawn l-ismijiet tad-dominji f'indirizzi tal-IP operazzjonali. Għalkemm il-kodifikazzjoni tal-ismijiet tad-dominji mhix l-unika responsabbiltà tas-Sistema ta' Ismijiet tad-Dominji, din hi kompitu ċentrali tas-sistema. Id-definizzjoni legali fl-Artikolu 4(14) tiffoka fuq ir-rwol ewlieni tas-sistema mill-perspettiva tal-utent mingħajr ma tidħol f'dettalji aktar tekniċi, bħal pereżempju l-operazzjoni tal-ispazju tal-isem tad-dominju, is-servers tal-ismijiet, ir-riżolvaturi, eċċ. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 4(15) jikkjarifika min għandu jitqies bħala fornitur tas-servizzi tas-Sistema ta' Ismijiet tad-Dominji.

**3) Reġistru tal-ismijiet tad-dominji tal-ogħla livell** (reġistru tal-ismijiet TLD)

Ir-reġistru tal-ismijiet tad-dominji tal-ogħla livell hu ddefinit fl-Artikolu 4(16) bħala entità li tamministra u topera r-reġistrazzjoni ta' ismijiet tad-dominji tal-internet skont dominju speċifiku tal-ogħla livell. Dawn l-amministrazzjoni u l-ġestjoni tal-ismijiet tad-dominji jinkludu l-kodifikazzjoni tal-ismijiet TLD f'indirizzi tal-IP.

L-Awtorità għan-Numri Assenjati tal-Internet (il-IANA) hi responsabbli għall-koordinazzjoni globali mad-DNS Root, mal-indirizzi tal-IP u ma' riżorsi oħrajn tal-IP. B'mod partikolari, il-IANA hi responsabbli li tassenja d-dominji ġeneriċi tal-ogħla livell (il-gTLDs), bħalma hu d-.com, u d-dominji tal-ogħla livell bil-kodiċijiet tal-pajjiżi (is-ccTLDs), bħalma hu d-.mt, lill-operaturi (ir-reġistri), u hi responsabbli wkoll li żżomm id-dettalji tekniċi u amministrattivi dwarhom. Il-IANA żżomm reġistru globali bit-TLDs allokati u taqdi rwol fil-promulgazzjoni ta' din il-lista lill-utenti tal-internet madwar id-dinja kif ukoll fl-introduzzjoni ta' TLDs ġodda.

Biċċa xogħol importanti tar-reġistri hi li jallokaw ismijiet tat-tieni livell lill-hekk imsejħa reġistranti skont id-dominju tal-ogħla livell rispettiv tagħhom. Dawn ir-reġistranti jista' minn

[26] Ara t-Taqsima 5.2. għal aktar dettalji dwar ir-relazzjoni bejn id-Direttiva NIS u d-Direttiva 2002/21/KE.

jeddhom jallokaw ismijiet tad-dominji tat-tielet livell. Is-ccTLDs huma deżinjati biex jirrappreżentaw lill-pajjiż jew lit-territorju skont l-istandard ISO 3166-1. Normalment, it-TLDs "ġeneriċi" ma jkollhomx deżinjazzjoni ġeografika jew ta' xi pajjiż.

Jenħtieġ jiġi nnutat li l-operazzjoni tar-reġistru bl-ismijiet tat-TLDs tista' tinkludi l-għoti ta' DNS. Pereżempju, skont ir-regoli ta' delega tal-IANA, l-entità ddeżinjata biex tittratta s-ccTLDs — fost l-oħrajn — jeħtieġ tissorvelja l-ismijiet tad-dominji u tħaddem id-DNS ta' dak il-pajjiż[27]. Meta jkunu qed iwettqu l-proċess tal-identifikazzjoni tal-operaturi tas-servizzi essenzjali skont l-Artikolu 5(2), l-Istati Membri jeħtieġ iqisu dawn iċ-ċirkostanzi.

### 4.1.2. L-identifikazzjoni tal-operaturi tas-servizzi essenzjali

Skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 5 tad-Direttiva, kull Stat Membru jeħtieġ iwettaq proċess tal-identifikazzjoni fir-rigward tal-entitajiet kollha tat-tipi elenkati fl-Anness II li għandhom stabbiliment legali fit-territorju ta' dak l-Istat Membru. Minħabba din il-valutazzjoni, kull entità li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5(2) għandha tiġi identifikata bħala operatur tas-servizzi essenzjali u tkun soġġetta għall-obbligi tas-sigurtà u tan-notifika tal-Artikolu 14.

L-Istati Membri għandhom sad-9 ta' Novembru 2018 biex jidentifikaw l-operaturi ta' kull settur u sottosettur. Biex iwieżen lill-Istati Membri matul dan il-proċess kollu, il-Grupp ta' Kooerazzjoni bħalissa qed jiżviluppa dokument gwida b'informazzjoni rilevanti dwar il-passi meħtieġa u bl-aqwa prattiki relatati mal-identifikazzjoni tal-operaturi tas-servizzi essenzjali.

Minbarra dan, skont l-Artikolu 24(2), il-Grupp ta' Koperazzjoni jrid jiddiskuti l-proċess, is-sustanza u t-tip ta' miżuri nazzjonali li jippermettu l-identifikazzjoni tal-operaturi tas-servizzi essenzjali f'setturi speċifiċi. Qabel id-9 ta' Novembru 2018, l-Istati Membri jistgħu jiddiskutu l-abbozz tagħhom tal-miżuri nazzjonali li jippermettu l-identifikazzjoni tal-operaturi tas-servizzi essenzjali, mal-Grupp ta' Koperazzjoni.

### 4.1.3. L-inklużjoni ta' setturi addizzjonali

Filwaqt li jqisu r-rekwiżit tal-armonizzazzjoni minima minqux fl-Artikolu 3, l-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu leġiżlazzjoni li tiżgura livell ogħla ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri huma liberi b'mod ġenerali li jwessgħu l-obbligi tas-sigurtà u tan-notifika skont l-Artikolu 14 lil entitajiet li jappartjenu għal setturi u sottosetturi oħrajn minbarra dawk elenkati fl-Anness II tad-Direttiva NIS. Diversi Stati Membri ddeċidew jew qed jgħarblu biex jinkludu wħud minn dawn is-setturi addizzjonali li ġejjin:

*i)* *L-amministrazzjoni pubblika*

L-amministrazzjonijiet pubbliċi jistgħu joffru servizzi essenzjali fl-Anness II tad-Direttiva li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 5(2). F'dawn il-każijiet, l-amministrazzjonijiet pubbliċi li

[27] Din l-informazzjoni tinsab fuq https://www.icann.org/resources/pages/delegation-2012-02-25-en

qed joffru dawn is-servizzi jkunu koperti bir-rekwiżiti rilevanti tas-sigurtà u bl-obbligi tan-notifika. Min-naħa l-oħra, meta l-amministrazzjonijiet pubbliċi joffru servizzi li ma jkunux fil-kamp ta' applikazzjoni msemmi hawn fuq, dawn is-servizzi ma jkunux koperti bl-obbligi rilevanti.

L-amministrazzjonijiet pubbliċi huma responsabbli biex iwasslu kif xieraq is-servizzi pubbliċi li jagħtu l-korpi governattivi, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-aġenziji u l-intrapriżi assoċjati. Ħafna drabi, dawn is-servizzi jimplikaw il-ħolqien u l-ġestjoni ta' dejta personali u korporattiva dwar individwi jew organizzazzjonijiet, li tista' tkun kondiviża u ssir disponibbli għal diversi entitajiet pubbliċi. B'mod aktar wiesa', is-sigurtà ta' livell għoli tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni li jużaw l-amministrazzjonijiet pubbliċi għandha interess importanti għas-soċjetà u l-ekonomija kollha kemm hi. Għaldaqstant, il-Kummissjoni jidhrilha li jkun raġonevoli li l-Istati Membri jikkunsidraw l-inklużjoni tal-amministrazzjoni pubblika fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva, lil hinn mill-provvista tas-servizzi essenzjali kif stabbilit skont l-Anness II u l-Artikolu 5(2).

*ii) Is-settur postali*

Is-settur postali jinkludi l-forniment tas-servizzi postali, bħalma huma l-ġbir, l-issortjar, it-trasport u t-tqassim tal-oġġetti postali.

*iii) Is-settur tal-ikel*

Is-settur tal-ikel jikkonċerna l-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u prodotti alimentari oħrajn u jista' jinkludi servizzi essenzjali, bħall-għoti ta' sigurtà alimentari u assigurazzjoni tal-kwalità u s-sikurezza tal-ikel.

*iv) L-industrija kimika u nukleari*

L-industrija kimika u nukleari tikkonċerna b'mod partikolari l-ħażna, il-produzzjoni u l-ipproċessar ta' prodotti kimiċi u petrokimiċi jew materjali nukleari.

*v) Is-settur ambjentali*

L-attivitajiet ambjentali jinkludu l-provvista ta' oġġetti u servizzi meħtieġa biex iħarsu l-ambjent u jimmaniġġaw ir-riżorsi. Għalhekk, l-attivitajiet huma mmirati lejn il-prevenzjoni, it-tnaqqis u t-tneħħija tat-tniġġis u l-preżervazzjoni tar-riżorsi naturali disponibbli. F'dan is-settur, is-servizzi essenzjali jistgħu jkunu l-monitoraġġ u l-kontroll tat-tniġġis (eż. tal-arja u tal-ilma) u ta' fenomeni meteoroloġiċi.

*vi) Il-protezzjoni ċivili*

Is-settur tal-protezzjoni ċivili għandu l-għan tal-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għad-diżastri naturali u dawk li jikkawża l-bniedem. Is-servizzi mogħtija għal dan l-iskop jistgħu jkunu l-attivazzjoni ta' numri ta' emerġenza u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet li jinfurmaw dwar emerġenzi, li jinkludu emerġenzi u li jwieġbu għal emerġenzi.

### 4.1.4. Il-ġurisdizzjoni.

Skont l-Artikolu 5(1), kull Stat Membru għandu jidentifika l-operaturi tas-servizzi essenzjali bi stabbiliment fit-territorju tiegħu. Id-dispożizzjoni ma tispeċifikax aktar it-tip ta' stabbiliment legali iżda l-premessa 21 tiċċara li dan l-istabbiliment jimplika l-eżerċizzju effettiv u reali tal-attività b'arranġamenti stabbli; filwaqt li l-forma legali ta' dawk l-arranġamenti ma jenħtieġx tkun fattur determinanti. Dan ifisser li Stat Membru jista' jkollu ġurisdizzjoni fuq operatur tas-servizzi essenzjali mhux biss meta l-operatur ikollu l-uffiċċju ewlieni tiegħu rreġistrat fit-territorju tiegħu iżda anki meta l-operatur ikollu, pereżempju, fergħa jew tip ieħor ta' stabbiliment legali.

Minħabba f'hekk, diversi Stati Membri jista' jkollhom ġurisdizzjoni fuq l-istess entità b'mod paralleli.

### 4.1.5. L-informazzjoni li trid tintbagħat lill-Kummissjoni

Għall-finijiet tar-rieżami li l-Kummissjoni jeħtieġ twettaq skont l-Artikolu 23(1) tad-Direttiva NIS, l-Istati Membri jeħtieġ jippreżentaw din l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni sad-9 ta' Novembru 2018 u mbagħad kull sentejn:

- Il-miżuri nazzjonali għall-identifikazzjoni tal-operaturi tas-servizzi essenzjali;
- Lista tas-servizzi essenzjali
- L-għadd ta' operaturi tas-servizzi essenzjali identifikati għal kull settur imsemmi fl-Anness II u r-rilevanza ta' dawk l-operaturi għas-settur; u
- Il-limiti, jekk jeżistu, li ntużaw biex jinstab il-livell ta' provvista b'referenza għall-għadd ta' utenti li jiddependu minn dak is-servizz kif imsemmi fl-Artikolu 6(1)(a) jew l-importanza tal-entità skont l-Artikolu 6(1)(f).

Ir-rieżami previst fl-Artikolu 23(1), li jippreċedi r-rieżami komprensiv tad-Direttiva jixhed l-importanza li l-koleġiżlaturi jagħtu lit-traspożizzjoni korretta tad-Direttiva fejn tidħol l-identifikazzjoni tal-operaturi tas-servizzi essenzjali ħalli tkun evitata l-frammentazzjoni tas-suq.

Sabiex dan il-proċess isir bl-aħjar mod possibbli, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiddiskutu dan is-suġġett, u jaqsmu l-esperjenzi rilevanti fil-Grupp ta' Koperazzjoni. Minbarra dan, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jaqsmu mal-Kummissjoni — jekk ikun meħtieġ, b'mod kunfidenzjali — il-listi tal-operaturi tas-servizzi essenzjali identifikati (li fl-aħħar ikunu ntgħażlu), kif ukoll kull informazzjoni li d-Direttiva teżiġi li l-Istati Membri jipprovdu lill-Kummissjoni. Id-disponibbiltà ta' dawn il-listi għandha tiffaċilita u twassal għal kwalità aħjar tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-konsistenza tal-proċess tal-identifikazzjoni u tippermetti li jitqabblu l-approċċi bejn l-Istati Membri, ħalli jkunu jistgħu jintlaħqu aħjar l-għanijiet tad-Direttiva.

#### 4.1.6. Kif irid isir il-proċess tal-identifikazzjoni?

Bħalma turi l-Grafika 4, hemm sitt kwistjonijiet ewlenin li awtorità nazzjonali jenħtieġ teżamina waqt il-proċess tal-identifikazzjoni dwar entità partikolari. F'dan il-paragrafu li ġej, kull kwistjoni tikkorrispondi għal pass li jrid jsir skont l-Artikolu 5 flimkien mal-Artikolu 6, filwaqt li titqies ukoll l-applikabbiltà tal-Artikolu 1(7).

Il-Pass 1 – **L-entità tappartjeni għal xi settur/sottosettur u tikkorrispondi mat-tip kopert mill-Anness II tad-Direttiva?**

Awtorità nazzjonali jenħtieġ tivvaluta jekk entità stabbilita fit-territorju tagħha tappartjenix għas-setturi u s-sottosetturi elenkati fl-Anness II tad-Direttiva. L-Anness II ikopri diversi setturi ekonomiċi li jitqiesu bħala strumentali biex ikun żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. B'mod partikolari, l-Anness II jirreferi għal dawn is-setturi u s-sottosetturi li ġejjin:

- L-enerġija: l-elettriku, iż-żejt u l-gass;
- It-trasport: bl-ajru, bil-ferrovija, bl-ilma u bit-triq;
- Is-settur bankarju: l-istituzzjonijiet ta' kreditu;
- L-infrastrutturi tas-swieq finanzjarji: iċ-ċentri tan-negozjar, il-kontropartijiet ċentrali;
- Is-saħħa: il-fornituri tal-kura tas-saħħa (inkluż l-isptarijiet u l-kliniċi privati);
- L-ilma: il-provvista u d-distribuzzjoni tal-ilma tax-xorb;
- L-infrastruttura diġitali: il-punti ta' skambju fuq l-internet, il-fornituri ta' servizzi tas-sistema ta' ismijiet tad-dominji, u r-reġistri tal-ismijiet tad-dominji tal-ogħla livell[28].

Il-Pass 2 – **Tapplika xi *lex specialis*?**

Bħala l-pass li jmiss, l-awtorità nazzjonali jeħtieġ tevalwa jekk tapplikax id-dispożizzjoni ta' *lex specialis* minquxa fl-Artikolu 1(7). B'mod partikolari, din id-dispożizzjoni tipprevedi li jekk jeżisti xi att legali tal-UE li jimponi rekwiżiti tas-sigurtà u/jew tan-notifika fuq il-fornituri tas-servizzi diġitali jew l-operaturi tas-servizzi essenzjali li mill-anqas ikunu ekwivalenti għar-rekwiżiti korrispondenti skont id-Direttiva NIS, jenħtieġ japplikaw l-obbligi tal-att legali speċjali. Barra minn hekk, il-premessa 9 tikkjarifika li jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Artikolu 1(7), l-Istati Membri jenħtieġ japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-att tal-UE speċifiku għas-settur, inkluż dawk relatati mal-ġurisdizzjoni. Min-naħa l-oħra, id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva NIS ma jkunux japplikaw. F'dan il-każ, l-awtorità kompetenti ma jenħtiġilhiex tissokta bil-proċess tal-identifikazzjoni skont l-Artikolu 5(2)[29].

Il-Pass 3 – **L-operatur qed jipprovdi "servizz essenzjali" skont it-tifsira tad-Direttiva?**

[28] Dawn l-entitajiet huma spjegati aktar fit-Taqsima 4.1.1.
[29] Aktar dettalji dwar l-applikabbiltà ta' *lex specialis* jinsabu fit-Taqsima 5.1.

Skont l-Artikolu 5(2)(a), l-entità soġġetta għall-identifikazzjoni jeħtieġ tipprovdi servizz li hu essenzjali għaż-żamma tal-attivitajiet ekonomiċi u/jew tas-soċjetà importanti. Waqt din il-valutazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ iqisu l-fatt li entità waħda tista' tipprovdi servizzi essenzjali u servizzi mhux essenzjali. Dan ifisser li r-rekwiżiti tas-sigurtà u tan-notifika tad-Direttiva NIS se japplikaw għal ċertu operatur biss sa fejn dan jipprovdi servizzi essenzjali.

Skont l-Artikolu 5(3), Stat Membru jenħtieġ isawwar lista ta' kull servizz essenzjali li jipprovdu l-operaturi tas-servizzi essenzjali fit-territorju tiegħu. Din il-lista jeħtieġ tintbagħat lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mid-9 ta' Novembru 2018 u mbagħad kull sentejn wara dan[30].

Il-Pass 4 – **Is-servizz jiddependi fuq netwerk u sistema tal-informazzjoni?**

Minbarra dan, jenħtieġ jiġi ċċarat jekk dan is-servizz jissodisfax it-tieni kriterju tal-Artikolu 5(2)(b) u b'mod partikolari jekk il-forniment tas-servizz essenzjali jiddependix fuq in-netwerks u s-sistemi tal-informazzjoni kif definit fl-Artikolu 4(1).

Il-Pass 5 – **Inċident tas-sigurtà jkollu effett ta' tfixkil sinifikanti?**

L-Artikolu 5(2)(c) jeżiġi li l-awtorità nazzjonali għandha tivvaluta jekk inċident għandux effett ta' tfixkil sinifikanti fuq il-forniment tas-servizz. F'dan il-kuntest, l-Artikolu 6(1) jistabbilixxi diversi fatturi transsettorjali li jeħtieġ tqis l-evalwazzjoni. Barra minn hekk, l-Artikolu 6(2) jirregola li meta jkun xieraq, il-valutazzjoni jenħtieġ tqis ukoll fatturi speċifiċi għas-setturi.

**Il-fatturi transsettorjali** elenkati fl-Artikolu 6(1) huma dawn li ġejjin:

- L-għadd ta' utenti li jiddependu mis-servizzi mogħtija mill-entità konċernata;
- Id-dipendenza ta' setturi oħra msemmija fl-Anness II fuq is-servizz li tagħti dik l-entità;
- L-impatt li jistgħu jħallu l-inċidenti, f'dak li għandu x'jaqsam mad-daqs u t-tul taż-żmien, fuq l-attivitajiet ekonomiċi u tas-soċjetà jew fuq is-sikurezza pubblika;
- Is-sehem mis-suq ta' dik l-entità;
- Il-firxa ġeografika fir-rigward taż-żona li tista' tintlaqat minn inċident;
- L-importanza tal-entità biex jinżamm livell ta' servizz biżżejjed, filwaqt li titqies id-disponibbiltà ta' mezzi oħra għall-forniment ta' dak is-servizz.

Rigward il-**fatturi speċifiċi għas-setturi**, il-premessa 28 tipprovdi xi eżempji (ara t-Tabella 4) li tagħti gwida siewja lill-awtoritajiet nazzjonali.

[30] Ara l-Artikolu 5(7)(b).

**It-Tabella 4: Eżempji ta' fatturi speċifiċi għas-setturi li jridu jitqiesu fid-determinazzjoni tal-effett ta' tfixkil sinifikanti f'każ ta' inċident.**

| Is-settur | Eżempji ta' fatturi speċifiċi għas-setturi |
|---|---|
| **Il-fornituri tal-enerġija** | il-volum jew il-proporzjon ta' enerġija nazzjonali ġġenerata |
| **Il-fornituri taż-żejt** | il-volum ta' żejt fornut kuljum |
| **It-trasport bl-ajru (inkluż l-ajruporti u t-trasportaturi bl-ajru)**<br>**It-trasport bil-ferrovija**<br>**Il-portijiet marittimi** | il-proporzjon tal-volum tat-traffiku nazzjonali;<br>l-għadd ta' passiġġieri jew operazzjonijiet ta' tagħbija kull sena |
| **Is-settur bankarju u tal-infrastrutturi tas-suq finanzjarju** | l-importanza sistemika bbażata fuq l-assi totali;<br>il-proporzjon tal-assi totali mal-PDG |
| **Is-settur tas-saħħa** | l-għadd ta' pazjenti li qed jirċievu kura mingħand il-fornitur kull sena |
| **Il-produzzjoni, l-ipproċessar u l-provvista tal-ilma** | il-volum u l-għadd u t-tipi ta' utenti fornuti (inkluż pereżempju l-isptarijiet, l-organizzazzjonijiet tas-servizz pubbliku, jew individwi);<br>l-eżistenza ta' sorsi alternattivi tal-ilma biex ikopru l-istess żona ġeografika |

Jenħtieġ jiġi spjegat li meta jagħmlu l-valutazzjoni skont l-Artikolu 5(2), l-Istati Membri ma jenħtiġilhomx iżidu kriterji addizzjonali għajr dawk elenkati f'dik id-dispożizzjoni għax dan jista' jnaqqas l-għadd ta' operaturi tas-servizzi essenzjali identifikati u jipperikola l-armonizzazzjoni minima għall-operaturi tas-servizzi essenzjali li hemm minquxa fl-Artikolu 3 tad-Direttiva.

Il-Pass 6 – **L-operatur konċernat qed jipprovdi servizzi essenzjali fi Stati Membri oħra?**

Il-Pass 6 jirreferi għal meta l-operatur ikun jipprovdi s-servizzi essenzjali tiegħu f'żewġ Stati Membri jew aktar. Qabel jitlesta l-proċess tal-identifikazzjoni, l-Artikolu 5(4) jeżiġi li l-Istati Membri konċernati jieħdu sehem fi proċess ta' konsultazzjoni[31].

[31] Għal aktar dettalji dwar il-proċess ta' konsultazzjoni, ara t-Taqsima 4.1.7.

**Il-Grafika 4: Il-proċess tal-identifikazzjoni f'sitt passi**



**5. Inċident tas-sigurtà jkollu effett ta' tfixkil sinifikanti?**

**Fatturi transsettorjali (l-Artikolu 6(1))**

- **L-għadd ta' utenti** li jiddependu mis-servizzi
- **Id-dipendenza** ta' setturi essenzjali oħra mis-servizz
- L-impatt li l-inċidenti jista' jkollhom fuq **l-attivitajiet ekonomiċi u tas-soċjetà** jew fuq **is-sikurezza pubblika**
- **Il-firxa ġeografika** possibbli
- L-importanza tal-entità biex jinżamm **livell ta' servizz** biżżejjed

**Fatturi speċifiċi għas-setturi (xi eżempji jissemmew fil-premessa 28)**

- **L-enerġija**: il-volum jew il-proporzjon ta' enerġija nazzjonali ġġenerata
- **It-trasport**: il-proporzjon tal-volum tat-traffiku nazzjonali u l-għadd operazzjonijiet kull sena
- **Is-saħħa**: l-għadd ta' pazjenti li qed jirċievu kura mingħand il-fornitur kull sena

IVA ↓

LE → Id-Direttiva NIS ma tapplikax

**6. L-operatur konċernat qed jipprovdi servizzi essenzjali fi Stati Membri oħra?**

IVA ↓

LE → Id-Direttiva NIS ma tapplikax

Konsultazzjoni obbligatorja mal-Istati

↓

L-adozzjoni tal-miżuri nazzjonali (eż. lista tal-operaturi tas-servizzi essenzjali, miżuri ta' politika u legali).

### 4.1.7. Il-proċess ta' konsultazzjoni transfruntiera

Meta operatur jipprovdi servizzi essenzjali f'żewġ Stati Membri jew aktar, l-Artikolu 5(4) jeżiġi li dawk l-Istati Membri jikkonsultaw lil xulxin qabel ma jitlesta l-proċess tal-identifikazzjoni. Din il-konsultazzjoni għandha l-għan li tiffaċilita l-valutazzjoni dwar in-natura kritika tal-operatur mil-lat ta' impatt transfruntier.

Ir-riżultat mixtieq ta' din il-konsultazzjoni hu li l-awtoritajiet nazzjonali involuti joħorġu b'argumenti u pożizzjonjiet u idealment jaslu għall-istess riżultat dwar l-identifikazzjoni tal-operatur konċernat. Madankollu, id-Direttiva NIS ma tipprekludix lill-Istati Membri milli jaslu għal konklużjonijiet diverġenti dwar jekk entità partikolari hix identifikata bħala operatur tas-servizzi essenzjali jew le. Il-premessa 24 issemmi l-possibbiltà li l-Istati Membri jitolbu l-assistenza tal-Grupp ta' Koperazzjoni f'dan ir-rigward.

Skont il-fehma tal-Kummissjoni, l-Istati Membri jenħtieġ jagħmlu l-almu kollu biex jilħqu kunsens dwar dawn il-kwistjonijiet ħalli jevitaw sitwazzjoni fejn l-istess kumpanija tkun qed taffaċċja status legali differenti f'diversi Stati Membri. Jenħieġ li d-diverġenza tkun tassew eċċezzjonali, pereżempju meta entità identifikata bħala operatur tas-servizzi essenzjali fi Stat Membru wieħed ikollha attività marġinali u insinifikanti f'pajjiż ieħor.

## 4.2. Ir-rekwiziti tas-sigurtà

Skont l-Artikolu 14(1), l-Istati Membri jeħtieġ jiżguraw li l-operaturi tas-servizzi essenzjali, wara li jqisu l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, jieħdu miżuri tekniċi u organizzattivi adattati u proporzjonati biex iġestixxu r-riskju għas-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni li l-organizzazzjonijiet jużaw għall-forniment tas-servizzi tagħhom. Skont l-Artikolu 14(2), bil-miżuri xierqa jiġi evitat u minimizzat l-impatt tal-inċident.

Bħalissa għaddejja ħidma apposta fil-Grupp ta' Koperazzjoni fuq linji gwida mhux vinkolanti dwar il-miżuri tas-sigurtà għall-operaturi tas-servizzi essenzjali[32]. Il-Grupp irid jiffinalizza d-dokument gwida sar-raba' kwart tal-2017. Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex isegwu mill-qrib id-dokument gwida li jrid jiżviluppa l-Grupp ta' Koperazzjoni ħalli d-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar ir-rekwiżiti tas-sigurtà jkunu allinjati kemm jista' jkun possibbli. Bl-armonizzazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti jeħfiefu ħafna l-konformità tal-operaturi tas-servizzi essenzjali li ta' spiss jipprovdu servizzi essenzjali f'aktar minn Stat Membru wieħed u l-kompiti tas-superviżjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u tas-CSIRTs.

[32] Għall-fini ta' din il-ħidma, iddawru listi ta' standards internazzjonali, prattiki tajba u metodoloġiji tal-valutazzjoni/ġestjoni tar-riskju fost is-setturi kollha li tkopri d-Direttiva NIS u ntużaw bħala kontribut għall-oqsma u l-miżuri tas-sigurtà proposti.

### 4.3. Ir-rekwiżiti tan-notifika

Skont l-Artikolu 14(3), l-Istati Membri jridu jiżguraw li l-operaturi tas-servizzi essenzjali jinnotifikaw "*kwalunkwe inċident li jkollu impatt sinifikanti fuq il-kontinwità tas-servizzi essenzjali*". Għaldaqstant, l-operaturi tas-servizzi essenzjali ma jenħtiġilhomx jinnotifikaw kull inċident żgħir li jinqala' iżda l-inċidenti serji biss li jaffettwaw il-kontinwità tas-servizzi essenzjali. Bħala inċident, l-Artikolu 4(7) jiddefinixxi "*kwalunkwe avveniment li proprju għandu effett negattiv fuq is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni*". It-terminu "sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni" hu ddefinit aktar fl-Artikolu 4(2) bħala "*l-abbiltà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni li jirreżistu, f'livell partikolari ta' fiduċja, kwalunkwe azzjoni li tikkomprometti d-disponibbiltà, l-awtentiċità, l-integrità jew il-kunfidenzjalità ta' dejta maħżuna, mibgħuta jew ipproċessata jew is-servizzi relatati offruti minn, jew aċċessibbli permezz ta', dawk in-netwerks u s-sistemi tal-informazzjoni*". Għaldaqstant, kwalunkwe każ li jaffettwa ħażin lid-disponibbiltà kif ukoll lill-awtentiċità, lill-integrità jew lill-kunfidenzjalità tad-dejta jew tas-servizzi relatati, potenzjalment jista' jiskatta l-obbligu tan-notifika. Fil-fatt, il-kontinwità tas-servizz imsemmija fl-Artikolu 14(3) tista' tiġi kompromessa mhux biss bid-disponibbiltà fiżika, iżda anki meta xi inċident tas-sigurtà ieħor jaffettwa l-provvista tajba tas-servizz[33].

Bħalissa għaddejja ħidma apposta fil-Grupp ta' Koperazzjoni fuq linji gwida mhux vinkolanti dwar in-notifiki b'rabta maċ-ċirkostanzi meta l-operaturi tas-servizzi essenzjali jeħtieġ jinnotifikaw l-inċidenti skont l-Artikolu 14(7) u l-format u l-proċeduri tan-notifiki nazzjonali. Hu ppjanat li l-linji gwida jitlestew sar-raba' kwart tal-2017.

Id-differenzi fir-rekwiżiti nazzjonali tan-notifika jistgħu jwasslu għal inċertezza legali, proċeduri aktar kumplessi u kkumplikati, u spejjeż amministrattivi sinifikanti għall-fornituri li joperaw bejn il-fruntieri. Għalhekk il-Kummissjoni tapprezza l-ħidma tal-Grupp ta' Koperazzjoni. Bħal fil-każ tar-rekwiżiti tas-sigurtà, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex isegwu mill-qrib id-dokument gwida li jrid jiżviluppa l-Grupp ta' Koperazzjoni ħalli d-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar in-notifika tal-inċidenti jkunu allinjati kemm jista' jkun possibbli.

### 4.4. Id-Direttiva NIS, l-Anness III: il-Fornituri tas-Servizzi Diġitali

Il-Fornituri tas-Servizzi Diġitali huma t-tieni kategorija ta' entitajiet inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva NIS. Dawn l-entitajiet huma meqjusa bħala atturi ekonomiċi importanti għax jużawhom bosta negozji għall-forniment tas-servizzi tagħhom stess, u għalhekk it-tfixkil tas-servizzi diġitali jista' jħalli impatt fuq l-attivitajiet ekonomiċi u tas-soċjetà ewlenin.

---

[33] Dan japplika wkoll għall-fornituri tas-servizzi diġitali.

### 4.4.1. Il-kategoriji tal-fornituri tas-servizzi diġitali

L-Artikolu 4(5) li jiddefinixxi servizz diġitali jirreferi għad-definizzjoni legali tal-punt (b) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva (UE) 2015/1535 billi jdejjaq l-ambitu tat-tipi ta' servizzi elenkati fl-Anness III. B'mod partikolari, il-punt (b) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva (UE) 2015/1535 jiddefinixxi dawn is-servizzi bħala "*kull servizz normalment ipprovdut għal rimunerazzjoni, mill-bogħod, b'mezzi elettroniċi u fuq it-talba individwali ta' riċevitur ta' servizzi*" u l-Anness III tad-Direttiva jelenka tliet tipi speċifiċi ta' servizzi: is-suq online, il-magna tat-tiftix online u l-cloud computing. Meta mqabbel mal-operaturi tas-servizzi essenzjali, id-Direttiva ma teħtieġx li l-Istati Membri jidentifikaw il-fornituri tas-servizzi diġitali, li mbagħad ikunu soġġetti għall-obbligi rilevanti. Għaldaqstant, l-obbligi rilevanti tad-Direttiva, jiġifieri r-rekwiżiti tas-sigurtà u tan-notifiki stabbiliti fl-Artikolu 16 se japplikaw għal kull fornitur tas-servizzi diġitali fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

Dawn it-taqsimiet jagħtu spjegazzjonijiet addizzjonali dwar tliet tipi ta' servizzi diġitali inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

### 1. Fornitur fis-suq online

Is-suq online jiftaħ il-bibien għal għadd kbir u varjat ta' negozji biex iwettqu l-attivitajiet kummerċjali tagħhom fost il-konsumaturi u biex jibnu relazzjonijiet bejn in-negozji. Din tipprovdi infrastruttura bażika lill-kumpaniji biex jagħmlu kummerċ fuq l-internet u bejn il-fruntieri. Dawn jaqdu rwol sinifikanti fl-ekonomija, l-aktar għax jipprovdi aċċess usa' lill-SMEs għas-suq uniku diġitali tal-UE. Anki l-forniment ta' servizzi remoti bil-kompjuter li jiffaċilitaw l-attività ekonomika tal-klijenti tagħhom, inkluż l-ipproċessar ta' tranżazzjonijiet u l-aggregazzjoni ta' informazzjoni fuq ix-xerrejja, il-fornituri u l-prodotti, jista' jitqies waħda mill-attivitajiet tal-fornitur fis-suq online, u dan jgħodd ukoll għall-faċilitazzjoni tat-tiftix għal prodotti xierqa, il-provvista ta' prodotti, l-għarfien espert fuq it-tranżazzjonijiet u t-tlaqqigħ tax-xerrejja u l-bejjiegħa.

It-terminu "suq online" fl-Artikolu 4(17) u ċċarat aktar fil-premessa 15. Dan hu deskritt bħala servizz li jippermetti lill-konsumaturi u n-negozjanti jwettqu bejgħ jew kuntratti ta' servizz bl-internet ma' negozjanti, u jirrappreżenta d-destinazzjoni finali għall-konklużjoni ta' dawk il-kuntratti. Ngħidu aħna, il-fornituri bħal *E-bay* jistgħu jitqisu bħala suq online għax jippermettu lill-oħrajn biex jistabbilixxu ħwienet fuq il-pjattaforma tagħhom biex jagħmlu l-prodotti u s-servizzi tagħhom disponibbli fuq l-internet għall-konsumaturi jew n-negozji. Minbarra dan, il-ħwienet tal-applikazzjoni fuq l-internet għad-distribuzzjonijiet tal-applikazzjonijiet u tas-softwer jitqiesu li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' suq online għax jippermettu lill-iżviluppaturi tal-apps biex ibigħu jew iqassmu s-servizzi tagħhom lill-konsumaturi jew lil negozji oħra. B'kuntrast ma' dan, l-intermedjarji ta' servizzi ta' partijiet terzi bħal *Skyscanner* u s-servizzi tat-tqabbil tal-prezzijiet li jidderieġu lill-utenti lejn il-website tal-kummerċjant fejn jiġi konkluż il-kuntratt proprja tas-servizz jew tal-prodott, mhumiex koperti mid-definizzjoni tal-Artikolu 4(17).

## 2. Fornitur ta' magna tat-tiftix online

It-terminu "magna tat-tiftix online" hu ddefinit fl-Artikolu 4(18) u ċċarat aktar fil-premessa 16. Dan hu deskritt bħala servizz diġitali li jippermetti lill-utenti biex fil-prinċipju jfittxu fil-websites kollha jew f'websites b'lingwa partikolari skont tiftixa fuq xi suġġett. Il-funzjonalitajiet ta' tiftix intern ġo website u l-websites tat-tqabbil tal-prezzijiet mhumiex koperti. Pereżempju t-tip ta' magna tat-tiftix bħal dik mogħtija mill-EUR-Lex[34] ma tistax titqies bħala magna tat-tiftix fis-sens tad-Direttiva għax il-funzjoni tat-tiftix tagħha hu limitat għall-kontenut intern ta' dik il-website.

## 3. Fornitur tas-servizzi tal-cloud computing

L-Artikolu 4(19) jiddefinixxi s-servizz tal-cloud computing bħala "*servizz diġitali li jippermetti aċċess għal riżorsi tat-teknoloġija tal-informatika li kapaċi jespandu, li huma flessibbli u li jistgħu jiġu kondiviżi*" u l-premessa 17 tikkjarifika aktar dwar it-terminu "*riżorsi tat-teknoloġija tal-informatika li kapaċi jespandu, li huma flessibbli*".

Fi ftit kliem, il-cloud computing jista' jiġi deskritt bħala tip partikolari ta' servizzi komputazzjonali li juża riżorsi kondiviżi biex jipproċessa d-dejta fuq talba, fejn ir-riżorsi kondiviżi jirreferu għal kwalunkwe tip ta' komponent ta' ħardwer jew softwer (eż. netwerks, servers jew infrastruttura oħra, ħażniet, applikazzjonijiet u servizzi) li jiġu rilaxxati fuq talba lill-utenti għall-ipproċessar tad-dejta. It-terminu "*li jistgħu jiġu kondiviżi*" jiddefinixxi r-riżorsi komputazzjonali meta bosta utenti jkunu qed jużaw l-istess infrastruttura fiżika għall-ipproċessar tad-dejta. Ir-riżorsi komputazzjonali jistgħu jiġu ddefiniti li jistgħu jiġu kondiviżi meta l-ġabra tar-riżorsi użati mill-fornitur tkun tista' tiżdied jew titnaqqas fi kwalunkwe ħin, skont il-ħtiġijiet tal-utenti. B'hekk, iċ-ċentri tad-dejta jew komponenti singoli f'ċentru tad-dejta wieħed jistgħu jiġu miżjuda jew jitneħħew jekk l-ammont totali tal-kapaċità komputazzjonali jew tal-ħażna tkun teħtieġ aġġornament. It-terminu "*riżorsi...li huma flessibbli*" jista' jiġi deskritt bħala bidliet fl-ammont ta' xogħol skont l-għoti u t-tneħħija tar-riżorsi b'mod awtomatiku u b'mod li f'kull mument ir-riżorsi disponibbli jkunu kemm jista' jkun jaqblu mad-domanda attwali[35].

Daż-żmien jeżistu tliet tipi ta' mudelli ta' servizzi tal-cloud computing li fornitur jista' joffri:

- Infrastruttura bħala Servizz (IaaS): Din hi kategorija ta' servizzi tal-cloud computing fejn it-tip ta' kapaċitajiet tal-cloud computing mogħti lill-klijenti hu infrastruttura. Din tinkludi l-għoti virtwali ta' riżorsi komputazzjonali fil-forma ta' ħardwer, networking u servizzi tal-ħażna. Infrastruttura bħala Servizz (IaaS) tipprovdi l-enerġija lis-servers, il-ħażniet, in-netwerks u s-sistemi operattivi. Din tipprovdi infrastruttura tal-intrapriża fejn negozju

[34] Dan id-dokument jinsab fuq http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt
[35] Nikolas Roman Herbst, Samuel Kounev, Ralf Reussner, mill-Istitut tat-Teknoloġija ta' Karlsruhe, "*Elasticity in Cloud Computing: What It Is, and What It Is Not*", li jinsab fuq https://sdqweb.ipd.kit.edu/publications/pdfs/HeKoRe2013-ICAC-Elasticity.pdf. Ara wkoll il-paġni 2-5 tal-COM(2012) 529.

jista' jaħżen id-dejta tiegħu u jħaddem l-applikazzjonijiet meħtieġa għall-operat ta' kuljum tiegħu.

➢ Pjattaforma bħala Servizz (PaaS): Din hi kategorija ta' servizzi tal-cloud computing fejn it-tip ta' kapaċitajiet tal-cloud computing mogħti lill-klijenti hu pjattaforma. Din tinkludi l-pjattaformi komputazzjonali fuq l-internet li jippermettu lill-kumpaniji biex iħaddmu applikazzjonijiet eżistenti jew biex jiżviluppaw u jittestjaw oħrajn ġodda.

➢ Softwer bħala Servizz (SaaS): Dan hu kategorija ta' servizzi tal-cloud computing fejn it-tip ta' kapaċitajiet tal-cloud computing mogħti lill-klijenti hu applikazzjoni jew softwer skjerat fuq l-internet. Dan it-tip ta' servizzi tal-cloud computing jelimina l-bżonn li l-utent finali jixtri, jinstalla u jimmaniġġa s-softwer, u għandu l-vantaġġ li s-softwer jista' jkun aċċessibbli minn kullimkien bil-konnessjoni tal-internet.

**Il-Grafika 5: Mudelli tas-servizz u assi tal-cloud computing**




Linji gwida komprensivi dwar suġġetti speċifiċi fil-qasam tal-cloud computing[36] u dokument gwida dwar l-elementi bażiċi tal-cloud computing[37] intbagħtu lill-ENISA.

### 4.4.2. Ir-rekwiżiti tas-sigurtà

Skont l-Artikolu 16(1), l-Istati Membri jeħtieġ jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi diġitali jieħdu miżuri tekniċi u organizzattivi adattati u proporzjonati biex iġestixxu r-riskju għas-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni li l-kumpaniji jużaw għall-forniment tas-servizzi tagħhom. Dawn il-miżuri tas-sigurtà jenħtieġ iqisu l-aqwa żvilupp tekniku u dawn il-ħames elementi li ġejjin: i) is-sigurtà tas-sistemi u tal-faċilitajiet; ii) il-ġestjoni tal-inċidenti;

[36] Dan id-dokument jinsab fuq https://www.enisa.europa.eu/topics/cloud-and-big-data/cloud-security
[37] ENISA, *Cloud Security Guide for SMEs* (2015). Dan id-dokument jinsab fuq https://www.enisa.europa.eu/publications/cloud-security-guide-for-smes

iii) il-ġestjoni tal-kontinwità tal-operat; iv) il-monitoraġġ, il-verifiki u l-ittestjar; v) il-konformità mal-istandards internazzjonali.

F'dan ir-rigward il-Kummissjoni għandha s-setgħa bl-Artikolu 16(8) li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika aktar dawk l-elementi u tiżgura livell għoli ta' armonizzazzjoni għal dawk il-fornituri tas-servizzi. L-att ta' implimentazzjoni mistenni jiġi adottat mill-Kummissjoni fil-ħarifa tal-2017. Barra minn hekk, l-Istati Membri jeħtieġ jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi diġitali jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jevitaw u jnaqqsu kemm jista' jkun l-impatt tal-inċidenti biex tkun żgurata l-kontinwità tas-servizzi tagħhom.

### 4.4.3. Ir-rekwiżiti tan-notifika

Il-fornituri tas-servizzi diġitali jenħtieġ ikunu obbligati jinnotifikaw l-inċidenti serji lill-awtoritajiet kompetenti jew lis-CSIRTs. Skont l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva NIS, ir-rekwiżit tan-notifika għall-fornituri tas-servizzi diġitali se jiskatta meta l-inċident tas-sigurtà jħalli impatt sostanzjali fuq il-forniment tas-servizz. Biex jiġi ddeterminat l-impatt, l-Artikolu 16(4) jelenka b'mod partikolari ħames parametri li jridu jqisu l-fornituri tas-servizzi diġitali. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha s-setgħa bl-Artikolu 16(8) li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tagħti deskrizzjonijiet aktar dettaljata tal-parametri. L-ispeċifikazzjoni ulterjuri ta' dawn il-parametri se tkun parti mill-att ta' implimentazzjoni li jispeċifika l-elementi tas-sigurtà msemmija fil-punt 4.4.2., li l-Kummissjoni beħsiebha tadotta fil-ħarifa.

### 4.4.4. Approċċ regolatorju bbażat fuq ir-riskji

L-Artikolu 17 jistipula li l-fornituri tas-servizzi diġitali huma soġġetti għal kontroll superviżorju *ex post* mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. L-Istati Membri jridu jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu azzjoni, meta jkollhom evidenza li xi fornitur tas-servizzi diġitali mhux konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 16 tad-Direttiva.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 16(8) u (9), il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar ir-rekwiżiti tan-notifika u tas-sigurtà li se jżidu l-livell ta' armonizzazzjoni għall-fornituri tas-servizzi diġitali. Minbarra dan, skont l-Artikolu 16(10), l-Istati Membri ma jistgħux jimponu rekwiżiti oħrajn tan-notifika u tas-sigurtà fuq il-fornituri tas-servizzi diġitali għajr dawk previsti fid-Direttiva, ħlief meta dawk il-miżuri jkunu meħtieġa biex jissalvagwardjaw il-funzjonijiet Statali essenzjali tagħhom, b'mod partikolari biex tkun ssalvagwardjata s-sigurtà nazzjonali, u jkunu jistgħu jsiru l-investigazzjoni, id-detezzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali.

U fl-aħħar nett, meta titqies in-natura transfruntiera tal-fornituri tas-servizzi diġitali, id-Direttiva ma timxix mal-mudell ta' diversi ġurisdizzjonijiet paralleli iżda tħaddem approċċ ibbażat fuq il-kriterju ta' stabbiliment ewlieni tal-kumpanija fl-UE[38]. B'dan l-approċċ, il-fornituri tas-servizzi diġitali jkollhom sett uniku ta' regoli u awtorità kompetenti waħda

[38] Ara b'mod partikolari l-Artikolu 18 tad-Direttiva.

responsabbli għas-sorveljanza; dan hu partikolarment importanti għax ħafna fornituri tas-servizzi diġitali joffru s-servizzi tagħhom f'bosta Stati Membri fl-istess ħin. L-applikazzjoni ta' dan l-approċċ tnaqqas kemm jista' jkun il-piż tal-konformità minn fuq il-fornituri tas-servizzi diġitali u tiżgura l-funzjonament sew tas-Suq Uniku Diġitali.

### 4.4.5. Il-ġurisdizzjoni

Kif spjegat hawn fuq, skont l-Artikolu 18(1) tad-Direttiva NIS, l-Istat Membru fejn il-fornitur tas-servizzi diġitali għandu l-istabbiliment ewlieni tiegħu għandu ġurisdizzjoni fuq il-kumpanija. Meta l-fornitur konkret tas-servizzi diġitali joffri servizzi fl-UE iżda ma jkunx stabbilit fit-territorju tal-UE, l-Artikolu 18(2) jimponi l-obbligu fuq il-fornitur tas-servizzi diġitali li jinnomina rappreżentant fl-Unjoni. F'dak il-każ, l-Istat Membru fejn ikun stabbilit ir-rappreżentant ikollu ġurisdizzjoni fuq il-kumpanija. Meta l-fornitur tas-servizzi diġitali jipprovdi servizzi fi Stat Membru iżda ma jkunx innomina rappreżentant fl-UE, fil-prinċipju, l-Istat Membru jista' jieħu azzjonijiet kontra l-fornitur tas-servizzi diġitali għax dan ikun qed jikser l-obbligi tiegħu li joħorġu mid-Direttiva.

### 4.4.6. Eżenzjoni lill-fornituri tas-servizzi diġitali bi Skala Limitatata mill-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti tas-sigurtà u tan-notifika

Skont l-Artikolu 16(11), il-fornituri tas-servizzi diġitali li huma intrapriżi mikro jew żgħar skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[39] huma esklużi mill-kamp ta'applikazzjoni tar-rekwiżiti tas-sigurtà u tan-notifika stabbiliti fl-Artikolu 16. Dan ifisser lil dawk in-negozji li jimpjegaw inqas minn 50 persuna u li jkollhom fatturat annwali u/jew total fil-karta tal-bilanċ annwali li ma jaqbiżx l-EUR 10 miljun, mhumiex marbuta jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti. Meta jkun qed jitkejjel id-daqs tal-entità, mhux rilevanti jekk il-kumpanija konċernata tipprovdix biss servizzi diġitali skont it-tifsira tad-Direttiva NIS jew xi servizzi oħrajn ukoll.

## 5. Ir-relazzjoni bejn id-Direttiva NIS u leġiżlazzjoni oħra

Din it-taqsima tiffoka fuq id-dispożizzjonijiet ta' *lex specialis* minquxa fl-Artikolu 1(7) tad-Direttiva NIS, li juru tliet eżempji ta' *lex specialis* li vvalutat il-Kummissjoni s'issa, u tiċċara r-rekwiżiti tas-sigurtà u tan-notifika li japplikaw għall-fornituri tat-telekomunikazzjoni u tas-servizzi fiduċjarji.

### 5.1. Id-Direttiva NIS, l-Artikolu 1(7): Id-dispożizzjoni ta' *lex specialis*

Skont l-Artikolu 1(7) tad-Direttiva NIS, id-dispożizzjonijiet dwar ir-rekwiżiti tas-sigurtà u/jew tan-notifika għall-fornituri tas-servizzi diġitali jew għall-operaturi tas-servizzi essenzjali

[39] ĠU L 24, 20.5.2003, p. 36.

skont id-Direttiva ma japplikawx jekk ikun hemm xi leġiżlazzjoni tal-UE speċifika għas-setturi li tipprevedi rekwiżiti tas-sigurtà u/jew tan-notifika, li mill-anqas għandhom effett ekwivalenti għall-obbligi korrispondenti tad-Direttiva NIS. Waqt it-transpożizzjoni ġenerali tad-Direttiva, l-Istati Membri jeħtieġ iqisu l-Artikolu 1(7) u jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet ta' *lex specialis*.

*Il-metodoloġija*

Waqt il-valutazzjoni tal-ekwivalenza ta' biċċa leġiżlazzjoni tal-UE speċifika għas-setturi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva NIS, jenħtieġ tingħata importanza partikolari għall-kwistjoni jekk l-obbligi tas-sigurtà fil-leġiżlazzjoni speċifika għas-setturi jinkludux miżuri li jiżguraw is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni kif definit fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva.

Fejn jidħlu r-rekwiżiti tan-notifika, l-Artikolu 14(3) u 16(3) tad-Direttiva NIS jistipulaw li l-operaturi tas-servizzi essenzjali u l-fornituri tas-servizzi diġitali jeħtieġ jinnotifikaw mingħajr dewmien bla bżonn lill-awtoritajiet kompetenti jew lis-CSIRT kull inċident li jħalli impatt sostanzjali/sinifikanti fuq il-forniment tas-servizz. F'dan il-kuntest jeħtieġ tingħata attenzjoni speċjali lill-obbligi li l-operatur/fornitur tas-servizzi diġitali jinkludi informazzjoni fin-notifika li permezz tagħha l-awtorità kompetenti jew is-CSIRT tkun tista' tiddetermina kwalunkwe impatt transfruntier tal-inċident tas-sigurtà.

Bħalissa m'hemm l-ebda leġiżlazzjoni speċifika għas-setturi għall-kategorija ta' fornituri tas-servizzi diġitali li tipprovdi għal rekwiżiti tas-sigurtà u tan-notifika simili għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 16 tad-Direttiva NIS u li tista' titqies fl-applikazzjoni tal-Artikolu 1(7) tad-Direttiva NIS[40].

Fejn jidħlu l-operaturi tas-servizzi essenzjali, bħalissa s-settur finanzjarju u b'mod partikolari s-settur bankarju u tal-infrastrutturi tas-suq finanzjarju kif imsemmi fil-punt 3 u 4 tal-Anness II huma soġġetti għal rekwiżiti tas-sigurtà u/jew tan-notifika li joħorġu minn leġiżlazzjoni tal-UE speċifika għas-setturi. Dan għax is-sigurtà u s-sodezza tas-sistemi tal-informatika, in-netwerks u s-sistemi tal-informazzjoni użati mill-istituzzjonijiet finanzjarji huma parti essenzjali mir-rekwiżiti tar-riskju operazzjonali imposti fuq l-istituzzjonijiet finanzjarji bil-leġiżlazzjoni tal-UE.

*Xi eżempji*

### i) Id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Pagament

Fir-rigward tas-settur bankarju u b'mod partikolari fejn jidħol il-forniment tas-servizzi tal-pagament minn istituzzjonijiet ta' kreditu kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-hekk imsejħa Direttiva 2 dwar is-Servizzi tal-Pagament (il-PSD 2)[41]

[40] Dan hu mingħajr preġudizzju għall-ksur tan-notifika tad-dejta personali lill-awtorità tas-superviżjoni li jkopri l-Artikolu 33 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Dejta.
[41] Id-Direttiva (UE) 2015/2366, ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35.

tipprevedi r-rekwiżiti tas-sigurtà u tan-notifika stabbiliti fl-Artikoli 95 u 96 ta' dik id-Direttiva.

B'mod aktar preċiż, l-Artikolu 95(1) jeżiġi li l-fornituri tas-servizzi tal-pagament jadottaw miżuri xierqa ta' mitigazzjoni u mekkaniżmi tal-kontroll biex tkun tista' ssir il-ġestjoni tar-riskji operazzjonali tas-sigurtà marbutin mas-servizzi tal-pagament li jipprovdu. Dawn il-miżuri jenħtieġ jinkludu l-istabbiliment u ż-żamma ta' proċeduri effettivi għall-ġestjoni tal-inċidenti, inkluż proċeduri għad-detezzjoni u l-klassifikazzjoni ta' inċidenti maġġuri operazzjonali u tas-sigurtà. Il-premessi 95 u 96 tal-PSD 2 tikkjarifika aktar in-natura ta' dawn il-miżuri tas-sigurtà. Minn dawn id-dispożizzjonijiet, jidher li l-miżuri preskritti għandhom l-għan li iġestixxu r-riskji relatati mas-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni li jintużaw fil-forniment tas-servizzi tal-pagament. Għalhekk, dawk ir-rekwiżiti tas-sigurtà jistgħu jitqiesu li mill-anqas għandhom effett ekwivalenti għad-dispożizzjoni korrispondenti tal-Artikolu 14(1) u (2) tad-Direttiva NIS.

Dwar ir-rekwiżiti ta' notifika, l-Artikolu 96(1) tal-PSD 2 jipprevedi obbligu għall-fornituri tas-servizz tal-pagament li jirrapportaw, mingħajr dewmien żejjed, l-inċidenti serji tas-sigurtà lill-awtorità kompetenti. Barra minn hekk, b'mod komparabbli għall-Artikolu 14(5) tad-Direttiva NIS, l-Artikolu 96(2) tal-PSD 2 jeżiġi li l-awtorità kompetenti tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra jekk l-inċident ikun rilevanti għalihom Dan l-obbligu jimplika fl-istess ħin li r-rappurtar tal-inċidenti tas-sigurtà jrid jinkludi informazzjoni li biha l-awtoritajiet ikunu jistgħu jivvalutaw l-impatt transfruntier ta' inċident. L-Artikolu 96(3)(a) tal-PSD 2 jagħti s-setgħa f'dan ir-rigward lill-Awtorità Bankarja Ewropea b'koperazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew biex jiżviluppaw linji gwida dwar il-kontenut eżatt u l-format tan-notifika.

Għaldaqstant, jista'jiġi konkluż li skont l-Artikolu 1(7) tad-Direttiva NIS, jeħtieġ japplikaw ir-rekwiżiti tas-sigurtà u tan-notifika stabbiliti fl-Artikoli 95 u 96 tal-PSD 2 minflok id-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-Artikolu 14 tad-Direttiva NIS, fejn jidħol il-forniment tas-servizzi tal-pagament minn istituzzjonijiet ta' kreditu.

### ii) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-dejta dwar it-tranżazzjonijiet

Fir-rigward tal-infrastruttura tas-suq finanzjarju, ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 flimkien mar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 153/2013 fih dispożizzjonijiet dwar ir-rekwiżiti tas-sigurtà għal kontropartijiet ċentrali (CCP) li jistgħu jitqiesu bħala *lex specialis*. B'mod partikolari, l-atti legali li jipprovdu għal miżuri tekniċi u organizzazzjonali relatati mas-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni li mil-lat ta' dettall jmorru saħansitra lil hinn mir-rekwiżiti tal-Artikolu 14(1) u (2) tad-Direttiva NIS u għalhekk jistgħu jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 1(7) tad-Direttiva NIS fejn jidħlu r-rekwiżiti tas-sigurtà.

B'mod aktar preċiż, l-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jipprevedi li l-entità jenħtieġ ikollha "*arranġamenti ta' governanza robusti, li jinkludu struttura organizzattiva*

*ċara b'linji ta' responsabilità ddefiniti sew, trasparenti u konsistenti, proċessi effettivi għall-identifikazzjoni, l-immaniġġar, il-monitoraġġ u r-rappurtar tar-riskji li għalihom hi jew tista' tkun esposta, u mekkaniżmi tal-kontroll interni adegwati, inklużi proċeduri amministrattivi u kontabilistiċi sodi*".. L-Artikolu 26(3) jeżiġi li l-istruttura organizzazzjonali trid tiżgura l-kontinwità u l-funzjonament sew tas-servizzi u tal-attivitajiet permezz ta' sistemi, riżorsi u proċeduri xierqa u proporzjonati.

Minbarra dan, l-Artikolu 26(6) jikkjarifika li l-kontroparti ċentrali (CCP) jeħtieġ iżżomm "*sistemi tat-teknoloġija tal-informatika b'mod adegwat li jittrattaw mal-kumplessità, il-varjetà u t-tip ta' servizzi u attivitajiet imwettqa sabiex jiġu żgurati standards għolja ta' sigurtà u l-integrità u ż-żamma tal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni*". Barra minn hekk, l-Artikolu 34(1) jimponi l-istabbiliment, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' politika xierqa dwar il-kontinwità tal-operat u pjan ta' rkupru minn diżastru li jenħtieġ jiżguraw l-irkupru fil-ħin tal-operazzjonijiet.

Dawn l-obbligi huma speċifikati aktar fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 153/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti għall-kontropartijiet ċentrali[42]. B'mod partikolari, l-Artikolu 4 tiegħu jimponi l-obbligu fuq il-kontroparti ċentrali biex tiżviluppa għodod xierqa għall-ġestjoni tar-riskji li tiffaċilita l-ġestjoni u r-rappurtar ta' kull riskju rilevanti u jiġi speċifikat aktar it-tip ta' miżura (eż. it-tħaddim ta' sistemi sodi tal-informazzjoni u l-kontroll tar-riskju, id-disponibbiltà tar-riżorsi, għarfien espert u aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha għal ġestjoni tar-riskji, id-disponibbiltà ta' mekkaniżmi adegwati tal-kontroll intern bħalma huma proċeduri amministrattivi u kontabilistiċi sodi biex jassistu lill-bord tal-kontroparti ċentrali ħalli tissorvelja u taċċessa l-adegwatezza u l-effikaċja tal-politiki, tal-proċeduri u tas-sistemi tagħha tal-ġestjoni tar-riskji).

Barra minn hekk, l-Artikolu 9 jirreferi espliċitament għas-sigurtà tas-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u jimponi miżuri tekniċi u organizzattivi konkreti relatati maż-żamma ta' qafas sod tas-sigurtà tal-informazzjoni għall-ġestjoni tar-riskji tas-sigurtà tal-IT. Dawn il-miżuri jenħtieġ jinkludu mekkaniżmi u proċeduri li jiżguraw id-disponibbiltà tas-servizzi kif ukoll il-protezzjoni tal-awtentiċità, l-integrità u l-kunfidenzjalità tad-dejta.

### (iii) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE[43].

Fir-rigward taċ-ċentri tan-negozjar, l-Artikolu 48(1) tad-Direttiva 2014/65/UE jeżiġi li l-operaturi jiżguraw il-kontinwità tas-servizzi tagħhom fil-każ ta' xi ħsara tas-sistema tan-negozjar tagħhom. Dan l-aħħar, dan l-obbligu ġenerali ġie speċifikat aktar u kkumplimentat

[42] ĠU L 52, 23.2.2013, p. 41.
[43] ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349.

bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/584[44] tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti organizzazzjonali taċ-ċentri ta' negozjar[45]. B'mod partikolari, l-Artikolu 23(1) ta' dan ir-Regolament jistipula li ċ-ċentri tan-negozjar għandu jkollhom fis-seħħ proċeduri u arranġamenti għas-sigurtà fiżika u elettronika mfassla biex jipproteġu s-sistemi tagħhom minn użu ħażin jew minn aċċess mhux awtorizzat u biex jiżguraw l-integrità tad-dejta. Dawn il-miżuri jeħtieġ jippermettu l-prevenzjoni jew il-minimizzazzjoni tar-riskji ta' attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni.

L-Artikolu 23(2) jeżiġi wkoll li l-miżuri u l-arranġamenti meħuda mill-operaturi jenħtieġ jippermetti l-identifikazzjoni fil-pront u l-ġestjoni tar-riskju relatat ma' xi aċċess mhux awtorizzat, ma' interferenzi fis-sistema li jfixklu serjament jew jinterrompu l-funzjonament tas-sistemi tal-informazzjoni u l-interferenzi tad-dejta li jikkompromettu d-disponibbiltà, l-integrità jew l-awtentiċità tad-dejta. Barra minn hekk, l-Artikolu 15 tar-Regolament jimponi l-obbligu fuq iċ-ċentri tan-negozjar biex ikollhom fis-seħħ arranġamenti effettivi għal kontinwità tal-operat ħalli jiżguraw biżżejjed stabbiltà tas-sistema u jindirizzaw l-inċidenti ta' tfixkil. B'mod partikolari, dawn il-miżuri jenħtieġ jippermettu lill-operatur biex jissokta bin-negozju fi żmien sagħtejn jew qrib sagħtejn u fl-istess waqt jiżguraw li l-ammont ta' dejta mitlufa jkun qrib iż-żero.

L-Artikolu 16 jiddikjara wkoll li l-miżuri identifikati biex jindirizzaw u jġestixxu l-inċidenti ta' tfixkil jenħtieġ ikunu parti mill-pjan ta' kontinwità tal-operat taċ-ċentri tan-negozjar, u jipprovdi għal elementi partikolari li jeħtieġ iqis l-operatur meta jkun qed jadotta l-pjan ta' kontinwità tal-operat (eż. l-istabbiliment ta' tim speċifiku għall-operazzjonijiet tas-sigurtà, u t-twettiq ta' valutazzjoni tal-impatt li tidentifika r-riskji u li tiġi riveduta minn żmien għal żmien).

Fid-dawl tal-kontenut ta' dawn il-miżuri tas-sigurtà, jidher li dawn inħasbu biex iġestixxu u jindirizzaw ir-riskju relatat mad-disponibbiltà, l-awtentiċità, l-integrità u l-kunfidenzjalità tad-dejta jew tas-servizzi provduti, u għaldaqstant jista' jiġi konkluż li dawn il-leġiżlazzjonijiet tal-UE speċifiċi għas-setturi msemmija hawn fuq jinkludu obbligi tas-sigurtà li mill-anqas għandhom effett ekwivalenti għall-obbligi korrispondenti tal-Artikolu 14(1) u (2) tad-Direttiva NIS.

### 5.2. Id-Direttiva NIS, l-Artikolu 1(3): il-fornituri tat-telekomunikazzjoni u l-fornituri tas-servizzi fiduċjarji

Skont l-Artikolu 1(3), ir-rekwiżiti tas-sigurtà u tan-notifika previsti f'din id-Direttiva ma japplikawx għall-fornituri soġġetti għar-rekwiżiti tal-Artikolu 13a u 13b tad-Direttiva 2002/21/KE. L-Artikolu 13a u 13b tad-Direttiva 2002/21/KE japplikaw għall-impriżi li jipprovdu netwerks pubbliċi tal-komunikazzjoni jew servizzi tal-komunikazzjoni elettronika

[44] ĠU L 87, 31.3.2017, p. 350.
[45] http://ec.europa.eu/finance/securities/docs/isd/mifid/rts/160714-rts-7_en.pdf

disponibbli pubblikament. Għaldaqstant, fejn jidħol il-forniment ta' netwerks pubbliċi tal-komunikazzjoni jew ta' servizzi tal-komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament, il-kumpanija trid tikkonforma mar-rekwiżiti tas-sigurtà u tan-notifika tad-Direttiva 2002/21/KE.

Madankollu, jekk l-istess kumpanija tkun qed tipprovdi wkoll servizzi oħra bħas-servizzi diġitali (eż. tal-cloud computing jew tas-suq online) elenkati fl-Anness III tad-Direttiva NIS jew servizzi bħal DNS jew IXP skont il-punt 7 tal-Anness II tad-Direttiva NIS, il-kumpanija se tkun soġġetta għar-rekwiżiti tas-sigurtà u tan-notifika tad-Direttiva NIS għall-forniment ta' dawn is-servizzi partikolari. Jenħtieġ jiġi nnutat li billi l-fornituri tas-servizzi elenkati fil-punt 7 tal-Anness II jagħmlu parti mill-kategorija tal-operaturi tas-servizzi essenzjali, l-Istati Membri jeħtiġilhom iwettqu l-proċess tal-identifikazzjoni skont l-Artikolu 5(2) u jidentifikaw liema fornituri individwali tas-servizzi ta' DNS, IXP jew TLD jenħtieġ ikunu konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva NIS. Dan ifisser li wara din il-valutazzjoni, il-fornituri ta' DNS, IXP jew TLD biss li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva NIS se jkunu obbligati jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-Direttiva NIS.

L-Artikolu 1(3) jispeċifika wkoll li dawn ir-rekwiżiti tas-sigurtà u tan-notifika tad-Direttiva lanqas ma japplikaw għall-fornituri tas-servizzi fiduċjarji li huma soġġetti għal rekwiżiti simili skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014.

## 6. Dokumenti ppubblikati ta’ Strateġiji Nazzjonali dwar iċ-Ċibersigurtà

| | L-Istat Membru | Isem l-istrateġija u l-links |
|---|---|---|
| **1** | L-Awstrija | *Austrian Cybersecurity Strategy* (2013) https://www.enisa.europa.eu/topics/national-cyber-security-strategies/ncss-map/AT_NCSS.pdf (bl-Ingliż) |
| **2** | Il-Belġju | *Securing Cyberspace* (2012) https://www.enisa.europa.eu/topics/national-cyber-security-strategies/ncss-map/ncss-be-fr (bil-Franċiż) |
| **3** | Il-Bulgarija | *Cyber Resilient Bulgaria 2020* (2016) http://www.cyberbg.eu/ (bil-Bulgaru) |
| **4** | Il-Kroazja | *The national cyber security strategy of the republic of Croatia* (2015) https://www.enisa.europa.eu/topics/national-cyber-security-strategies/ncss-map/CRNCSSEN.pdf (bl-Ingliż) |
| **5** | Ir-Repubblika Ċeka | *National cyber security strategy of the Czech Republic for the period from 2015 to 2020* (2015) https://www.enisa.europa.eu/topics/national-cyber-security-strategies/ncss-map/CzechRepublic_Cyber_Security_Strategy.pdf (bl-Ingliż) |
| **6** | Ċipru | *Cybersecurity Strategy of the Republic of Cyprus* (2012) https://www.enisa.europa.eu/topics/national-cyber-security-strategies/ncss-map/CybersecurityStrategyoftheRepublicofCyprusv10_English.pdf (bl-Ingliż) |
| **7** | Id-Danimarka | *The Danish Cyber and Information Security Strategy* (2015) https://www.enisa.europa.eu/topics/national-cyber-security-strategies/ncss-map/DK_NCSS.pdf (bl-Ingliż) |
| **8** | L-Estonja | *Cyber Security Strategy* (2014) https://www.enisa.europa.eu/topics/national-cyber-security-strategies/ncss-map/Estonia_Cyber_security_Strategy.pdf (bl-Ingliż) |
| **9** | Il-Finlandja | *Finland’s Cyber security Strategy* (2013) https://www.enisa.europa.eu/topics/national-cyber-security-strategies/ncss-map/FinlandsCyberSecurityStrategy.pdf (bl-Ingliż) |
| **10** | Franza | *French national digital security strategy* (2015) https://www.enisa.europa.eu/topics/national-cyber-security-strategies/ncss-map/France_Cyber_Security_Strategy.pdf (bl-Ingliż) |
| **11** | L-Irlanda | *National Cyber Security Strategy 2015-2017* (2015) https://www.enisa.europa.eu/topics/national-cyber-security-strategies/ncss-map/NCSS_IE.pdf (bl-Ingliż) |
| **12** | L-Italja | *National Strategic Framework for Cyberspace Security* (2013) https://www.enisa.europa.eu/topics/national-cyber-security-strategies/ncss-map/IT_NCSS.pdf (bl-Ingliż) |

| | | |
|---|---|---|
| **13** | Il-Ġermanja | *Cyber-security Strategy for Germany* (2016) http://www.bmi.bund.de/SharedDocs/Downloads/DE/Themen/ModerneVerwaltung-OeffentlicherDienst/Informationsgesellschaft/cybersicherheitsstrategie-2016.pdf?__blob=publicationFile (bil-Ġermaniż) |
| **14** | L-Ungerija | *National Cyber Security Strategy of Hungary* (2013) https://www.enisa.europa.eu/topics/national-cyber-security-strategies/ncss-map/HU_NCSS.pdf (bl-Ingliż) |
| **15** | Il-Latvja | *Cyber Security Strategy of Latvia 2014-2018* (2014) https://www.enisa.europa.eu/topics/national-cyber-security-strategies/ncss-map/lv-ncss (bl-Ingliż) |
| **16** | Il-Litwanja | *The programme for the development of electronic information security (cyber-security) for 2011-2019* (2011) https://www.enisa.europa.eu/topics/national-cyber-security-strategies/ncss-map/Lithuania_Cyber_Security_Strategy.pdf (bl-Ingliż) |
| **17** | Il-Lussemburgu | *National Cybersecurity Strategy II (2015)* https://www.enisa.europa.eu/topics/national-cyber-security-strategies/ncss-map/Luxembourg_Cyber_Security_strategy.pdf (bl-Ingliż) |
| **18** | Malta | *National Cyber Security Strategy Green Paper* (2015) https://www.enisa.europa.eu/topics/national-cyber-security-strategies/ncss-map/NCSSGreenPaper.pdf (bl-Ingliż) |
| **19** | In-Netherlands | *National Cyber Security Strategy 2* (2013) https://www.enisa.europa.eu/topics/national-cyber-security-strategies/ncss-map/NCSS2Engelseversie.pdf (bl-Ingliż) |
| **20** | Il-Polonja | *Cyberspace Protection Policy of the Republic of Poland* (2013) https://www.enisa.europa.eu/topics/national-cyber-security-strategies/ncss-map/copy_of_PO_NCSS.pdf (bl-Ingliż) |
| **21** | Ir-Rumanija | *Cybersecurity Strategy of Romania* (2011) https://www.enisa.europa.eu/topics/national-cyber-security-strategies/ncss-map/StrategiaDeSecuritateCiberneticaARomaniei.pdf (bir-Rumen) |
| **22** | Il-Portugall | *National Cyberspace Security Strategy* (2015) https://www.enisa.europa.eu/topics/national-cyber-security-strategies/ncss-map/portuguese-national-cyber-security-strategy/view (bl-Ingliż) |
| **23** | Ir-Repubblika Slovakka | *Cyber Security Concept of the Slovak Republic for 2015 – 2020* (2015) https://www.enisa.europa.eu/topics/national-cyber-security-strategies/ncss-map/cyber-security-concept-of-the-slovak-republic-1 (bl-Ingliż) |
| **24** | Is-Slovenja | *Cyber Security Strategy establishing a system to ensure a high level of cyber security* (2016) |

| | | |
|---|---|---|
| | | http://www.uvtp.gov.si/fileadmin/uvtp.gov.si/pageuploads/Cyber_Security_Strategy_Slovenia.pdf (bl-Ingliż) |
| **25** | Spanja | *National Cyber Security Strategy* (2013) https://www.enisa.europa.eu/topics/national-cyber-security-strategies/ncss-map/NCSS_ESen.pdf (bl-Ingliż) |
| **26** | L-Iżvezja | *The Swedish National Cybersecurity Strategy* (2017) http://www.government.se/49edf4/contentassets/b5f956be6c50412188fb4e1d72a5e501/fact-sheet-a-national-cyber-security-strategy.pdf (bl-Ingliż) |
| **27** | Ir-Renju Unit | *National Cyber Security Strategy (2016-2021)* (2016) https://www.enisa.europa.eu/topics/national-cyber-security-strategies/ncss-map/national_cyber_security_strategy_2016.pdf (bl-Ingliż) |

## 7. Lista ta' prattiki tajba u rakkomandazzjonijiet mill-ENISA

Għal rispons għall-inċidenti

✓ Strateġiji dwar ir-rispons għall-inċidenti u l-koperazzjoni fi kriżijiet ċibernetiċi[46]

Għal ġestjoni tal-inċidenti

✓ Proġett ta' awtomatizzazzjoni għall-ġestjoni tal-inċidenti[47]

✓ Gwida ta' Prattika Tajba għall-Ġestjoni tal-Inċidenti[48]

Għal klassifikazzjoni tal-inċidenti u tassonomija

✓ Ħarsa ġenerali lejn it-tassonomiji eżistenti[49]

✓ Gwida ta' prattika tajba dwar l-użu tat-tassonomiji għall-prevenzjoni tal-inċidenti u d-detezzjoni[50]

Għall-maturità tas-CSIRTs

✓ L-isfidi tas-CSIRTs Nazzjonali fl-Ewropa fl-2016: Studju dwar il-maturità tas-CSIRTs[51]

✓ Studju dwar il-maturità tas-CSIRTs – il-proċess tal-evalwazzjoni[52]

✓ Linji gwida għas-CSIRTs nazzjonali u governattivi dwar kif għandha tiġi vvalutata l-maturità[53]

Għall-bini tal-kapaċitajiet u t-taħriġ tas-CSIRTs

✓ Gwida ta' prattika tajba dwar il-metodoloġiji tat-taħriġ[54]

Għal aktar informazzjoni dwar is-CSIRTs eżistenti fl-Ewropa – Ħarsa ġenerali lejn is-CSIRTs skont il-pajjiż[55].

---

[46] ENISA, *Strategies for incident response and cyber crisis cooperation* (2016). Dan id-dokument jinsab fuq https://www.enisa.europa.eu/publications/strategies-for-incident-response-and-cyber-crisis-cooperation
[47] Aktar informazzjoni tinsab fuq https://www.enisa.europa.eu/topics/csirt-cert-services/community-projects/incident-handling-automation
[48] ENISA, *Good Practice Guide for Incident Management* (2010). Dan id-dokument jinsab fuq https://www.enisa.europa.eu/publications/good-practice-guide-for-incident-management
[49] Aktar informazzjoni tinsab fuq https://www.enisa.europa.eu/topics/csirt-cert-services/community-projects/existing-taxonomies
[50] ENISA, *A good practice guide of using taxonomies in incident prevention and detection* (2017). Dan id-dokument jinsab fuq https://www.enisa.europa.eu/publications/using-taxonomies-in-incident-prevention-detection
[51] ENISA, *Challenges for National CSIRTs in Europe in 2016: Study on CSIRT Maturity* (2017). Dan id-dokument jinsab fuq https://www.enisa.europa.eu/publications/study-on-csirt-maturity
[52] ENISA, *Study on CSIRT Maturity – Evaluation Process* (2017). Dan id-dokument jinsab fuq https://www.enisa.europa.eu/publications/study-on-csirt-maturity-evaluation-process
[53] ENISA, il-Kapaċitajiet tas-CSIRTs. *How to assess maturity? Guidelines for national and governmental CSIRTs* (2016). Dan id-dokument jinsab fuq https://www.enisa.europa.eu/publications/csirt-capabilities
[54] ENISA, *Good Practice Guide on Training Methodologies* (2014). Dan id-dokument jinsab fuq https://www.enisa.europa.eu/publications/good-practice-guide-on-training-methodologies
[55] Aktar informazzjoni tinsab fuq https://www.enisa.europa.eu/topics/csirts-in-europe/csirt-inventory/certs-by-country-interactive-map